2025/1748

19.8.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1748

tat-18 ta' Awwissu 2025

li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti polietilentereftalat (PET) li joriġinaw mill-Indja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Miżuri fis-seħħ

(1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 2603/2000 ([2]), il-Kunsill impona dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet tal-polietilentereftalat ("PET", polyethylene terephthalate) li joriġinaw, *inter alia*, mill-Indja ("l-investigazzjoni oriġinali").

(2) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 1645/2005 ([3]), il-Kunsill emenda l-livell tal-miżuri kumpensatorji fis-seħħ kontra l-importazzjonijiet tal-PET mill-Indja. L-emendi kienu r-riżultat ta' reviżjoni aċċellerata mibdija skont l-Artikolu 20 tar-Regolament bażiku.

(3) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 193/2007 ([4]), il-Kunsill impona dazji kumpensatorji definittivi għal perjodu ulterjuri ta' 5 snin wara rieżami ta' skadenza.

(4) Il-miżuri kumpensatorji ġew emendati sussegwentement mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1286/2008 ([5]) u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 906/2011 ([6]), wara rieżamijiet interim parzjali.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1037/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2603/2000 tas-27 ta' Novembru 2000 li jimponi taxxa kompensatorja u l-ġbir definittiv tad-dazji proviżjonali imposti fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tereftalat tal-polietilene li joriġina mill-Indja, Malażja u t-Tajlandja u li jtemm il-proċediment kontra s-sussidji fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti tereftalat tal-polietilene li joriġina mill-Indonesja, r-Repubblika tal-Korea u t-Tajwan (ĠU L 301, 30.11.2000, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2000/2603/oj).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2005 tas-6 ta' Ottubru 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2603/2000 li jimponi taxxa kompensatorja definittiva fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu tereftalat tal-polietilene li joriġina, inter alia, mill-Indja (ĠU L 266, 11.10.2005, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/1645/oj).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 193/2007 tat-22 ta' Frar 2007 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' polyethylene terephthalate li joriġina fl-Indja wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 2026/97 (ĠU L 59, 27.2.2007, p. 34, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/193/oj).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1286/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 193/2007, li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' polyethtlene terephthalate, li joriġina mill-Indja u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 192/2007 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċertu polyethtlene terephthalate, li joriġina, inter alia, fl-Indja (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1286/oj).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 906/2011 tat-2 ta' Settembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 193/2007, li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' polyethylene terephthalate li joriġina fl-Indja, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 192/2007 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċertu polyethylene terephthalate li joriġina, inter alia, fl-Indja (ĠU L 232, 9.9.2011, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/906/oj).

(5) Rieżami interim parzjali li twettaq aktar tard intemm mingħajr ma ġew emendati l-miżuri fis-seħħ mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 559/2012 ([7]).

(6) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 461/2013 ([8]), il-Kunsill impona dazji kumpensatorji definittivi għal perjodu ulterjuri ta' 5 snin, wara rieżami ta' skadenza ieħor.

(7) Bid-Deċiżjoni 2000/745/KE ([9]), il-Kummissjoni aċċettat impenji li jistabbilixxu prezz minimu tal-importazzjoni minn tliet produtturi esportaturi fl-Indja. Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/109/UE ([10]), il-Kummissjoni rtirat l-aċċettazzjoni tal-impenji, minħabba bidla fiċ-ċirkostanzi li l-impenji kienu aċċettati taħthom.

(8) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1350 ([11]), il-Kunsill emenda l-livell tal-miżuri kumpensatorji fis-seħħ kontra l-importazzjonijiet tal-PET mill-Indja, wara żewġ rieżamijiet interim parzjali.

(9) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1468 ([12]), il-Kummissjoni emendat il-livell tal-miżuri kumpensatorji fis-seħħ, wara żewġ rieżamijiet interim parzjali.

(10) Wara t-tielet rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1286 ([13]), imponiet dazji kumpensatorji definittivi għal perjodu ulterjuri ta' 5 snin ("l-aħħar rieżami ta' skadenza").

(11) Fit-2 ta' Ġunju 2020, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1286 ġie emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/738 ([14]), li jibdel id-dazji kumpensatorji minn speċifiċi għal *ad valorem*. Id-dazji kumpensatorji applikabbli attwali jvarjaw minn 2,3 % sa 13,8 % għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun jew li kkooperaw, u jammontaw għal 13,8 % għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha.

1.2. **Talba għal rieżami ta' skadenza**

(12) Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti ([15]) tal-miżuri kumpensatorji fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet tal-PET li joriġina mill-Indja ("il-pajjiż ikkonċernat"), il-Kummissjoni rċeviet talba għal rieżami skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku ("it-talba għal rieżami").

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 559/2012 tas-26 ta' Ġunju 2012 li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali li tikkonċerna l-miżuri kompensatorji dwar l-importazzjonijiet ta' ċertu tereftalat tal-poljetilene (PET) li joriġina, inter alia, mill-Indja (ĠU L 168, 28.6.2012, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2012/559/oj).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 461/2013 tal-21 ta' Mejju 2013 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalatli (PET) li joriġina mill-Indja wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 597/2009 (ĠU L 137, 23.5.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/461/oj).

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/745/KE tad-29 ta' Novembru 2000 li taċċetta l-impenji offruti b'rabta mal-proċedimenti anti-dumping u anti-sussidji fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat (PET) li joriġinaw mill-Indja, mill-Indonesja, mill-Malażja u mir-Repubblika tal-Korea, mit-Tajwan u mit-Tajlandja(ĠU L 301, 30.11.2000, p. 88, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2000/745/oj).

([10]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/109/UE tal-4 ta' Frar 2014 li tħassar id-Deċiżjoni 2000/745/KE li taċċetta impenji offruti f'rabta mal-proċedimenti tal-antidumping u kontra s-sussidji fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ċerti polietilentereftalat (PET) li joriġina, inter alia, mill-Indja (ĠU L 59, 28.2.2014, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2014/109/oj).

([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1350 tat-3 ta' Awwissu 2015 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 461/2013 li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat (PET) li joriġina mill-Indja (ĠU L 208, 5.8.2015, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/1350/oj).

([12]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1468 tal-1 ta' Ottubru 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 461/2013 li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat (PET) li joriġina mill-Indja (ĠU L 246, 2.10.2018, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1468/oj).

([13]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1286 tat-30 ta' Lulju 2019 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat (PET) li joriġina mill-Indja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 202, 31.7.2019, p. 81, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/1286/oj).

([14]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/738 tat-2 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1286 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat (PET) li joriġina mill-Indja (ĠU L 175, 4.6.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/738/oj).

([15]) ĠU C, C/2023/589, 6.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/589/oj.

(13) It-talba għal rieżami tressqet fis-26 ta' April 2024 minn PET Europe ("l-applikant") f'isem l-industrija tal-Unjoni tal-polietilentereftalat ("PET") fis-sens tal-Artikolu 10(6) tar-Regolament bażiku.

(14) It-talba għal rieżami hija bbażata fuq ir-raġuni li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx li tirriżulta f'kontinwazzjoni u rikorrenza ta' sussidjar, u rikorrenza tad-dannu għall-industrija tal-Unjoni.

(15) Qabel il-bidu tar-rieżami ta' skadenza, u skont l-Artikoli 22(1) u 10(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għarrfet lill-Gvern tal-Indja ("GTI") li hija kienet irċeviet talba ddokumentata kif xieraq għal rieżami u stiednet lill-GTI għal konsultazzjonijiet bil-għan li tiġi ċċarata s-sitwazzjoni fir-rigward tal-kontenut tat-talba ta' rieżami u tinstab soluzzjoni maqbula b'mod reċiproku.

(16) Il-konsultazzjonijiet mal-GTI saru fit-22 ta' Lulju 2024 u l-GTI esprima l-fehmiet tiegħu dwar l-bidu tal-investigazzjoni lill-Kummissjoni. Il-GTI ssottometta wkoll il-fehmiet tiegħu bil-miktub fil-25 ta' Lulju 2024. L-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza nbdiet fis-26 ta' Lulju 2024.

1.3. **Bidu**

(17) Il-Kummissjoni wara li kkonsultat mal-Kumitat, stabbilit bl-Artikolu 25(1) tar-Regolament bażiku, stabbiliet li kien hemm biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza u fis-26 ta' Lulju 2024 ħabbret, permezz ta' notifika, ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([16]) ("in-Notifika tal-Bidu"), il-bidu ta' rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Fid-dawl tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni ħejjiet memorandum dwar is-suffiċjenza tal-evidenza li fih il-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-evidenza kollha għad-dispożizzjoni tagħha u li abbażi tagħha l-Kummissjoni bdiet din l-investigazzjoni.

(18) B'segwitu għad-divulgazzjoni finali, il-GTI ssottometta li t-talba għal rieżami kienet sempliċiment fuq preżunzjonijiet u affermazzjonijiet li mhuma appoġġati mill-ebda evidenza dokumentarja u l-applikant ma setax jipprova li hemm probabbiltà ta' dannu. Għaldaqstant, skont il-GTI, il-Kummissjoni ma kienx imissha bdiet l-investigazzjoni abbażi ta' talba għal rieżami insuffiċjenti.

(19) L-istandard legali ta' evidenza mitlub għal talba għal rieżami skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament bażiku jagħmilha ċara li l-applikant ma għandux għalfejn juri li l-iskadenza tal-miżuri se twassal żgur għall-kontinwazzjoni jew għar-rikorrenza tad-dannu. Barra minn hekk, il-kwantità u l-kwalità tal-informazzjoni fit-talba għal rieżami minnhom infushom ma jistgħux ikunu l-istess bħal dawk tal-informazzjoni li fuqha l-Kummissjoni tibbaża s-sejbiet tagħha fi tmiem investigazzjoni. Madankollu, f'dan il-każ, mill-analiżi tal-Kummissjoni tal-evidenza pprovduta mill-applikant ħareġ li t-talba għal rieżami kien fiha evidenza suffiċjenti li turi li huwa probabbli li l-iskadenza tal-miżuri tirriżulta f'kontinwazzjoni ta' sussidjar ulterjuri u rikorrenza tad-dannu. Għaldaqstant, l-affermazzjoni tal-GTI hija miċħuda.

1.4. **Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u perjodu kkunsidrat**

(20) L-investigazzjoni tal-kontinwazzjoni jew tar-rikorrenza tas-sussidjar kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dannu se jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu kkunsidrat").

1.5. **Partijiet interessati**

(21) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha biex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Minbarra dan, il-Kummissjoni speċifikament infurmat lill-applikant, lil produtturi magħrufa oħra tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi, lill-importaturi u lill-utenti fl-Unjoni li kien magħruf li kienu kkonċernati, u lill-awtoritajiet fl-Indja dwar il-bidu tar-rieżami tal-iskadenza, u stednithom biex jipparteċipaw.

([16]) ĠU C, C/2024/4678, 26.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/4678/oj.

(22) Il-partijiet interessati kollha ġew mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom, jissottomettu l-informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fil-limiti ta' żmien stabbiliti fin-Notifika tal-Bidu. Il-partijiet interessati ngħataw ukoll l-opportunità li jitolbu bil-miktub seduta ta' smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni u/jew l-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

1.5.1. *Kampjunar*

(23) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati, f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku.

1.5.2. *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(24) Fin-Notifika tal-Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li hija kienet għażlet b'mod proviżorju kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet il-kampjun abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' bejgħ u produzzjoni fl-Unjoni li seta' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Dan il-kampjun kien jikkonsisti minn żewġ produtturi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw aktar minn 30 % tal-produzzjoni totali stmata fl-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jikkummentaw dwar il-kampjun proviżorju, iżda ma rċeviet l-ebda kumment. Il-kampjun provviżorju ġie għalhekk ikkonfermat u jitqies bħala rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

(25) B'segwitu għad-divulgazzjoni finali, il-GTI esprima thassib li d-dipendenza tal-Kummissjoni fuq kampjun estremament żgħir jaf twassal għal sejbiet mhux rappreżentattivi. Il-GTI nnota li kienu biss żewġ produtturi tal-Unjoni, li jkopru 'l fuq minn 30 % tal-produzzjoni, li kienu soġġetti għall-ikkampjunar, li jfisser li 70 % tal-industrija ma ġietx ivverifikata, u xeħet dubji fuq il-kompletezza u l-ekwità tal-analiżi tad-dannu tal-Kummissjoni.

(26) L-ewwel nett, f'konformità mal-Artikolu 27(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għandha d-diskrezzjoni li tillimita l-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni biex ikopri l-akbar volum rappreżentattiv tal-bejgħ u l-produzzjoni tal-Unjoni li jista' jiġi raġonevolment investigat fiż-żmien disponibbli. It-tieni, il-Kummissjoni ddipendiet fuq id-data tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun biss meta saret l-analiżi tal-indikaturi mikroekonomiċi, filwaqt li l-indikaturi makroekonomiċi deskritti f'dan ir-Regolament ikopru s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi u mhux biss id-data mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, u b'hekk ixejjen ulterjorment l-affermazzjoni tal-GTI dwar in-nuqqas ta' kompletezza u ekwità tal-analiżi tal-Kummissjoni.

1.5.3. *Kampjunar ta' importaturi mhux relatati*

(27) Bl-għan li l-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, l-importaturi/l-utenti mhux relatati kollha ġew mistiedna jipparteċipaw f'din l-investigazzjoni. Dawn il-partijiet intalbu jippreżentaw ruħhom billi jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar il-kumpaniji tagħhom, kif mitlub fl-Anness II tan-Notifika tal-Bidu. L-ebda utent jew importatur ma ppreżenta ruħu fl-eżerċizzju tal-kampjunar.

1.5.4. *Kampjunar tal-produtturi esportaturi*

(28) Sabiex il-Kummissjoni setgħet tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, il-produtturi esportaturi kollha kienu mistiedna biex jipparteċipaw f'din l-investigazzjoni. Dawk il-partijiet intalbu jippreżentaw ruħhom billi jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar il-kumpaniji tagħhom mitluba fil-punt 5.3.1. tan-Notifika tal-Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tal-Indja għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja produtturi esportaturi oħrajn, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni. L-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi ma pprovda l-informazzjoni mitluba.

1.5.5. *Kwestjonarji u żjarat ta' verifika*

(29) Sabiex tikseb l-informazzjoni meqjusa meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni ppubblikat online l-kwestjonarji għall-produtturi esportaturi, għall-importaturi mhux relatati u għall-produtturi tal-Unjoni u bagħtet kwestjonarju lill-GTI.

(30) Produttur esportatur wieħed, li ma esportax lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, pprovda tweġiba għall-kwestjonarju. Il-GTI pprovda wkoll tweġiba għall-kwestjonarju.

(31) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset li kienet meħtieġa biex tiġi stabbilita l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' sussidjar u ta' dannu u biex jiġu stabbiliti l-interessi tal-Unjoni. Saret ukoll żjara ta' verifika fil-bini tal-GTI f'New Delhi.

(32) Barra minn hekk, saru żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 26 tar-Regolament bażiku fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Il-produtturi tal-Unjoni:

— Indorama Ventures Poland Sp. z. o.o, il-Polonja;

— UAB "NEO GROUP", il-Litwanja.

2. PRODOTT TAĦT RIEŻAMI U PRODOTT SIMILI

2.1. Prodott taħt rieżami

(33) Il-prodott soġġett għal dan ir-rieżami huwa l-istess bħal fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri l-polietilentereftalat (PET) li għandu numru ta' viskożità ta' 78 ml/g jew iżjed, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM 3907 61 00 u li joriġina mill-Indja ("il-prodott taħt rieżami").

2.2. Prodott simili

(34) Ġie kkunsidrat li l-prodott taħt rieżami li jiġi prodott mill-Indja u jiġi esportat lejn l-Unjoni u l-prodott li jiġi manifatturat u li jinbiegħ fl-Unjoni mill-Industrija tal-Unjoni għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi, u l-istess użi bażiċi. Għalhekk dawn tqiesu bħala prodotti simili fis-sens tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament bażiku.

3. PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW TA' RIKORRENZA TA' SUSSIDJAR

(35) Abbażi tal-informazzjoni li tinsab fit-talba għal rieżami, kif ukoll l-informazzjoni sottomessa mill-GTI u mill-produttur esportatur li kkoopera, ġew investigati l-iskemi li ġejjin, li allegatament jinvolvu l-għoti ta' sussidji:

Skemi oriġinarjament investigati u kkonfermati matul l-aħħar rieżami ta' skadenza

Dħul mitluf jew mhux miġbur tal-gvern li normalment kien ikun dovut ([17])

(a) L-Iskema ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem (AAS, Advance Authorisation Scheme)

(b) L-Iskema ta' Restituzzjoni tad-Dazji ("DDS", Duty Drawback Scheme)

(c) L-Iskema ta' Promozzjoni tal-Esportazzjoni ta' Oġġetti Kapitali ("EPCGS", Export Promotion Capital Goods Scheme)

(d) L-Iskema ta' Eżenzjoni mid-Dazju fuq l-Elettriku ta' Gujarat ("GEDES", Gujarat Electricity Duty Exemption Scheme)

Skemi addizzjonali allegati fit-talba għal rieżami

Dħul mitluf jew mhux miġbur tal-gvern li normalment kien ikun dovut ([18])

(e) Skema għar-Remissjoni ta' Dazji u Taxxi fuq Oġġetti Esportati ("RoDTEP", Remission of Duties and Taxes on Exported Goods)

(f) L-Iskema ta' Awtorizzazzjoni tal-Importazzjoni Ħielsa mid-Dazju ("DFIA", Duty Free Import Authorisation Scheme);

([17]) L-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament AS bażiku.
([18]) L-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament AS bażiku.

Trasferiment dirett ta' fondi ([19])

(g) Skema ta' Ugwalizzazzjoni tal-Imgħax (IES, Interest Equalisation Scheme)

3.1. **Skemi oriġinarjament investigati u kkonfermati fl-aħħar rieżami ta' skadenza**

(36) Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina jekk hemmx evidenza ta' kontinwazzjoni ta' sussidjar, irrispettivament mill-ammont tiegħu. Minħabba s-sejbiet tal-eżistenza tal-kontinwazzjoni tas-sussidjar fir-rigward tal-maġġoranza tas-sussidji ewlenin ikkumpensati fl-investigazzjoni oriġinali, ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jiġu investigati s-sussidji l-oħra kollha li l-ilmentatur allega li jeżistu.

(37) Is-sussidji speċifikati fil-premessa (35) ta' hawn fuq u li ġew ikkumpensati fil-passat, huma bbażati fuq id-dokumenti ta' politika u l-leġiżlazzjoni li ġejjin.

(38) L-iskemi AAS u EPCGS huma bbażati fuq l-Att dwar il-Kummerċ Barrani (Żvilupp u Regolamentazzjoni) tal-1992 (Nru 22 tal-1992) li daħal fis-seħħ fis-7 ta' Awwissu 1992 ("l-Att dwar il-Kummerċ Barrani"). L-Att dwar il-Kummerċ Barrani jawtorizza lill-GTI biex joħroġ notifiki dwar il-politika tal-esportazzjoni u l-importazzjoni. Dawn huma mogħtija fil-qosor fid-dokumenti tal-"Politika dwar il-Kummerċ Barrani", li jinħarġu mill-Ministeru għall-Kummerċ kull 5 snin u jiġu aġġornati regolarment ([20]).

(39) Id-dokument tal-Politika dwar il-Kummerċ Barrani rilevanti għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami huwa l-FTP 2023 tal-Politika dwar il-Kummerċ Barrani. Dan daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2023. Il-GTI jistabbilixxi wkoll il-proċeduri li jirregolaw l-FTP f'Manwal ta' Proċeduri ([21]) ("HOP, Handbook of Procedures") 2023. Dan tal-aħħar daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2023.

(40) L-AAS u l-EPCGS huma bbażati fuq l-FTP 2023 kif ukoll fuq il-HOP 2023.

(41) L-iskema DDS hija bbażata fuq l-Artikolu 75 tal-Att Doganali tal-1962, it-Taqsima 37 tal-Att tas-Sisa Ċentrali tal-1944, fuq it-Taqsimiet 93A u 94 tal-Att Finanzjarju tal-1994 u tar-Regoli tal-1995 dwar ir-Restituzzjoni tad-Dazji tad-Dwana, tas-Sisa Ċentrali u tat-Taxxa fuq is-Servizzi. Ir-rati ta' restituzzjoni huma ppubblikati fuq bażi regolari.

(42) L-iskema GEDES hija bbażata fuq l-Att dwar id-Dazju fuq l-Elettriku ta' Gujarat, 1958 ("l-Att dwar l-Elettriku") taħt l-Artikolu 3(2) (vii) u (viii) kif emendati minn żmien għal żmien fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Gujarat.

(43) Produttur esportatur wieħed li kkoopera kkonferma l-kisba ta' konċessjonijiet taħt l-iskemi AAS u DDS matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Madankollu, peress li ma esportax lejn l-Unjoni matul dan il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-benefiċċji ma ġewx ikkwantifikati.

([19]) L-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament AS bażiku.
([20]) https://www.dgft.gov.in/CP/?opt=ft-policy.
([21]) https://www.dgft.gov.in/CP/?opt=ft-procedures.

3.2. **Skema ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem (AAS)**

(44) Il-produttur esportatur li kkoopera kkonferma li kiseb konċessjonijiet taħt l-AAS matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (PIR).

(45) Din l-iskema ġiet ikkumpensata f'għadd ta' proċedimenti ta' dazju kumpensatorju li jikkonċernaw l-Indja, inkluż fil-premessi minn (28) sa (55) tar-regolament dwar is-sistemi tal-elettrodi tal-grafit ([22]), fil-premessi minn (126) sa (153) tar-regolament dwar il-prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti fil-kiesaħ ([23]), fil-premessi minn (39) sa (61) tal-aħħar regolament dwar ir-rieżami ta' skadenza ([24]) u fil-premessi minn (40) sa (60) tar-regolament dwar l-istaneg u l-vireg tal-azzar inossidabbli ([25]).

3.2.1. *Bażi Legali*

(46) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-iskema tinsab fil-kapitoli 4.03 sa 4.23 tal-FTP 2023 u l-kapitoli 4.04 sa 4.51 tal-HOP 2023.

3.2.2. *Eliġibbiltà*

(47) Skont il-paragrafu 4.05 tal-FTP 2023, il-liċenzji ta' awtorizzazzjoni avvanzata jistgħu jinħarġu jew lill-manifatturi esportaturi jew lin-negozjanti esportaturi marbuta mal-manifatturi ta' appoġġ.

(48) Liċenzji ta' awtorizzazzjoni avvanzata jistgħu jinħarġu għal esportazzjonijiet fiżiċi, għal provvisti intermedji, għall-provvista ta' ċerti oġġetti u għal esportazzjonijiet preżunti.

3.2.3. *L-implimentazzjoni fil-prattika*

(49) Jeħtieġ li l-applikanti japplikaw għal liċenzja li tippermetti l-importazzjoni ta' inputs mingħajr dazju u fejn il-volum ta' dawn l-importazzjonijiet ma għandux jaqbeż il-volum ta' inputs għall-manifattura ta' prodotti esportati.

(50) L-AAS tista' tinħareġ għal:

(51) Esportazzjonijiet fiżiċi: Din hija s-sottoskema ewlenija. Din tippermetti l-importazzjoni mingħajr dazju ta' materjali ta' input għall-produzzjoni li tirriżulta fi prodott speċifiku għall-esportazzjoni. "Fiżiċi" f'dan il-kuntest tfisser li l-prodott għall-esportazzjoni jrid iħalli t-territorju Indjan. Konċessjoni għall-importazzjoni u obbligu għall-esportazzjoni inkluż it-tip ta' prodott għall-esportazzjoni jkunu speċifikati fil-liċenzja;

(52) Rekwiżit annwali: Tali awtorizzazzjoni mhijiex marbuta ma' prodott għall-esportazzjoni speċifiku, iżda ma' grupp usa' ta' prodotti (eż. prodotti kimiċi u dawk relatati). Id-detentur ta' liċenzja jista' – sa ċertu limitu fil-valur iffissat skont kif tkun marret l-esportazzjoni fil-passat – jimporta mingħajr dazju kull input li jkun se jintuża fil-manifattura ta' kull oġġett li jaqa' f'dan il-grupp ta' prodotti. Jista' jagħżel li jesporta kwalunkwe prodott li jirriżulta u li huwa fil-grupp ta' produzzjoni li juża dan il-materjal eżenti mid-dazju;

([22]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1103 tas-6 ta' Ġunju 2023 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw mill-Indja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 147, 7.6.2023, p. 27, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1103/oj).

([23]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/433 tal-15 ta' Marzu 2022 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mill-Indja u mill-Indoneżja u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2012 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju anti-dumping provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mill-Indja u mill-Indoneżja (ĠU L 88, 16.3.2022, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/433/oj).

([24]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1286.

([25]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1141 tas-27 ta' Ġunju 2017 li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti staneg u vireg tal-azzar li ma jsaddadx li joriġinaw mill-Indja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, 28.6.2017, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/1141/oj).

(53) Provvisti intermedji: Din is-sottoskema tkopri l-każijiet meta żewġ manifatturi jkun beħsiebhom jipproduċu prodott wieħed għall-esportazzjoni u jaqsmu l-proċess ta' produzzjoni. Il-manifattur-esportatur li jipproduċi l-prodott intermedju jista' jimporta materjali ta' input mingħajr dazju u jista' jikseb għal dan l-għan AAS għal provvisti intermedji. L-esportatur finali jwassal fit-tmiem il-produzzjoni u jkun obbligat li jesporta l-prodott lest;

(54) Prodotti meqjusa għall-esportazzjoni: Din is-sottoskema tippermetti lil kuntrattur ewlieni jimporta inputs mingħajr dazju li huma meħtieġa fil-manifattura ta' oġġetti li għandhom jinbiegħu bħala "prodotti meqjusa għall-esportazzjoni". Skont il-GTI, il-prodotti meqjusa għall-esportazzjoni tirreferi għal dawk it-transazzjonijiet li fihom l-oġġetti fornuti ma jħallux il-pajjiż. Għadd ta' kategoriji ta' provvisti huma meqjusa bħala prodotti meqjusa għall-esportazzjoni dment li l-oġġetti jkunu manifatturati fl-Indja, eż. il-provvista ta' oġġetti lejn unità orjentata lejn l-esportazzjoni (EOU, export oriented unit) jew lejn kumpanija li tinsab f'żona ekonomika speċjali ("SEZ", special economic zone);

(55) L-Ordni għar-Rilaxx bil-Quddiem ("ARO, Advance Release Order"): Id-detentur tal-AAS li għandu l-intenzjoni li jġib l-inputs minn sorsi indiġeni, minflok ma jimporta direttament, għandu l-għażla li jġibhom permezz tal-AROs. F'dawn il-każijiet l-Awtorizzazzjonijiet bil-Quddiem huma validati bħala AROs u huma approvati lill-fornitur indiġenu wara kunsinna tal-oġġetti speċifikati fiha. L-approvazzjoni tal-ARO tintitola lill-fornitur indiġenu għall-benefiċċji ta' prodotti meqjusa għall-esportazzjoni kif stabbilit fil-paragrafu 7.03 tal-FTP 2023 (jiġifieri AAS għal provvisti intermedji/prodotti meqjusa għall-esportazzjoni, restituzzjoni tad-dazju fuq il-prodotti meqjusa għall-esportazzjoni u restituzzjoni tad-dazju tas-sisa finali). Il-mekkaniżmu ARO jirrifondi t-taxxi u d-dazji lill-fornitur minflok ma jirrifondihom lill-esportatur finali fil-forma ta' restituzzjoni/rifużjoni tad-dazji. Ir-rifużjoni tat-taxxi/dazji hija disponibbli kemm għall-inputs indiġeni kif ukoll għall-inputs importati;

(56) Il-ħruġ ta' ittra ta' kreditu interna immedjatament kif tagħlaq dik ta' qabel: Din is-sottoskema tkopri għal darb'oħra provvisti indiġeni lil detentur tal-Awtorizzazzjoni bil-Quddiem. Id-detentur ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem jista' jkellem lil xi bank biex jiftaħ ittra ta' kreditu interna favur fornitur indiġenu. L-awtorizzazzjoni tiġi vvalidata mill-bank għall-importazzjoni diretta, b'konnessjoni biss mal-valur u l-volum ta' oġġetti miġjuba minn sorsi indiġeni minflok ma jkunu importati. Il-fornitur indiġenu se jkun intitolat għall-benefiċċji ta' esportazzjoni preżunta kif stabbilit fil-paragrafu 7.03 tal-FTP 2023 (jiġifieri AAS għal provvisti intermedji/prodotti meqjusa għall-esportazzjoni, restituzzjoni tad-dazju fuq il-prodotti meqjusa għall-esportazzjoni u rifużjoni tad-dazju tas-sisa finali).

(57) Għall-finijiet ta' verifika mill-awtoritajiet Indjani, detentur tal-Awtorizzazzjoni bil-Quddiem huwa legalment obbligat li jżomm "kont veru u propju tal-konsum u tal-utilizzazzjoni ta' oġġetti importati mingħajr dazju/akkwistati domestikament" f'format speċifikat (il-Kapitolu 4.51 u l-Appendiċi 4H HOP 2023), jiġifieri reġistru tal-konsum attwali. Dan ir-reġistru jrid jiġi verifikat minn kontabilist estern awtorizzat/kontabilist tal-kostijiet u x-xogħol li joħroġ ċertifikat li jiddikjara li r-reġistri preskritti u r-rekords rilevanti ġew eżaminati u li l-informazzjoni fornuta skont l-Appendiċi 4H hija vera u korretta f'kull aspett.

(58) L-esportazzjonijiet fiżiċi, il-konċessjoni tal-importazzjoni u l-obbligu tal-esportazzjoni huma ffissati fil-volum u fil-valur mill-GTI u huma dokumentati fuq l-Awtorizzazzjoni. Fil-ħin tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni, it-tranżazzjonijiet korrispondenti għandhom jiġu dokumentati mill-uffiċjali tal-Gvern fuq l-Awtorizzazzjoni. Il-volum tal-importazzjonijiet permessi skont l-AAS huwa ddeterminat mill-GTI fuq il-bażi ta' Normi Standard ta' Input Output ("SIONs", Standard Input Output Norms) li jeżistu għall-biċċa l-kbira tal-prodotti inkluż il-prodott taħt rieżami. Is-SION applikabbli għall-prodott taħt rieżami ġiet stabbilita mill-GTI fl-1998, bl-aħħar reviżjoni sseħħ fl-2011, l-Avviż Pubbliku Nru 28/(RE2010)/2009-2014, bid-data tal-11 ta' Frar 2011.

(59) Il-liċenzji tal-AAS jindikaw il-konċessjoni tal-importazzjoni u l-obbligu tal-esportazzjoni. Il-materjali importati biex jidħlu fil-prodott mhumiex trasferibbli u jridu jintużaw biex jinħadem il-prodott ta' esportazzjoni li jirriżulta. Id-detenturi tal-liċenzja għandhom 12-il xahar biex jimportaw l-inputs u 18-il xahar biex jesportaw il-prodotti manifatturati. Il-GTI jista' jagħti estensjonijiet għal dawn l-iskadenzi fuq talbiet mid-detentur tal-liċenzja.

(60) Fir-rieżami attwali, il-Kummissjoni investigat jekk il-GTI għandux fis-seħħ u japplikax sistema jew proċedura ta' verifika effettiva biex tikkonferma liema inputs ġew ikkunsmati fil-produzzjoni tal-prodott esportat u f'liema ammont.

(61) Fir-rigward tal-"kont tal-konsum u tal-utilizzazzjoni ta' oġġetti importati mingħajr dazju/akkwistati domestikament" li detentur ta' liċenzja AAS huwa legalment obbligat li jżomm bħala l-Appendiċi 4H (ara l-premessa (57) hawn fuq), il-Kummissjoni sabet li l-format preskritt għar-rapportar tal-konsum u l-użu ta' oġġetti importati mingħajr dazju jew akkwistati domestikament mhuwiex imfassal biex jivverifika l-inkorporazzjoni fiżika ta' tali inputs fi prodotti esportati.

(62) Il-GTI pprovda li l-awtoritajiet doganali jistgħu jwettqu awditu lill-esportaturi biex jivverifikaw l-informazzjoni pprovduta fl-Appendiċi 4H kif previst mir-Regolamenti dwar l-Awditjar Doganali ([26]). Madankollu, ir-regolamenti sempliċiment iddikjaraw li l-għażla ta' entità awditjata "għandha primarjament tkun ibbażata fuq evalwazzjoni tar-riskju permezz ta' kriterji xierqa ta' selettività" u ma speċifikatx liema dokumenti jenħtieġ li jintalbu matul awditu u lanqas kif l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi vvalutata sabiex l-awditu jitlesta b'suċċess. Il-GTI ma pprovdiex id-dettalji tal-kriterji tal-evalwazzjoni tar-riskju.

(63) Barra minn hekk, il-GTI pprovda rapport ta' verifika tal-kampjun għal prodott għajr il-PET, fir-rigward tal-verifika fiżika tal-konsum tal-inputs skont l-AAS. Madankollu, skont dan ir-rapport, il-produttur esportatur ma kienx qed jittraċċa b'mod sistematiku l-inkorporazzjoni fiżika tal-importazzjonijiet attwali fil-prodotti esportati. Ir-rapport ta' verifika tal-kampjun naqas milli jsemmi kwalunkwe sistema ta' traċċar sistematiku, bħal dawk li jirreferenzjaw in-numri tal-lottijiet jew il-kodiċijiet tal-lottijiet assenjati lill-materja prima importata, filwaqt li jiżguraw li dawn il-kodiċijiet jiġu rreġistrati f'kull stadju tal-produzzjoni sakemm il-prodott lest jiġi esportat. Ma kienx jinkludi l-implimentazzjoni ta' Sistema tal-Ippjanar tar-Riżorsi għall-Intrapriżi jew għodda oħra ta' traċċar diġitali li tirreġistra l-wasla ta' inputs importati u tassenjahom għal sessjonijiet ta' produzzjoni speċifiċi li jirriżultaw fi prodotti esportati. Barra minn hekk, ma kellu l-ebda referenza biex jassenja numri tas-serje jew barcodes lil komponenti importati u jiskenjahom matul il-proċess tal-produzzjoni biex jiġi traċċat l-użu tagħhom fi prodotti finali li jiġu esportati aktar tard. Barra minn hekk, kif diġà ssemma, ir-rapport ta' verifika tal-kampjun irrefera għal prodott ieħor minbarra l-PET, għalhekk il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda assigurazzjoni jew evidenza li tappoġġja li l-produtturi esportaturi tal-PET sistematikament ittraċċaw l-inkorporazzjoni fiżika tal-importazzjonijiet attwali fil-prodotti esportati.

(64) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni sabet li l-GTI ma kellux sistema ta' verifika affidabbli biex jikkonferma jekk, u sa liema punt, l-inputs importati ntużawx fil-produzzjoni tal-PET esportat.

3.2.4. *Kontribuzzjoni finanzjarja u benefiċċju*

(65) Kif previst fil-premessa (43), il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni speċifika għall-kumpaniji li fuqha seta' jiġi kkalkolat l-ammont ta' sussidju riċevut matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Madankollu, f'rieżami ta' skadenza mhuwiex meħtieġ li jiġi kkwantifikat l-ammont eżatt ta' sussidji riċevuti. Abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni setgħet tikkonkludi li l-GTI kompla jipprovdi sussidji fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. L-eżenzjoni mid-dazji tal-importazzjoni taħt din l-iskema hija kontribuzzjoni finanzjarja mill-GTI, peress li tirrinunzja għad-dħul mid-dazju li kieku kien ikun dovut u tagħti benefiċċju lill-esportaturi investigati peress li ttejjeb il-likwidità tagħhom. L-ammont ta' sussidju huwa l-ammont ta' dazju li kien ikun pagabbli mill-kumpanija riċeventi bir-rata tad-dazju standard applikabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

3.2.5. *Speċifiċità*

(66) L-AAS hija kontinġenti fil-liġi fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni, u għalhekk titqies bħala speċifika u kumpensabbli skont l-Artikolu 4(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) tar-Regolament bażiku. Minħajr impenn ta' esportazzjoni, kumpanija ma tistax tikseb benefiċċji taħt din l-iskema.

3.2.6. *Konklużjoni dwar l-AAS*

(67) F'konformità mal-investigazzjonijiet preċedenti deskritti fil-premessa (45) u fid-dawl tas-sejbiet fit-taqsimiet preċedenti, l-AAS ma tistax titqies bħala sistema permissibbli ta' restituzzjoni tad-dazji jew sistema ta' restituzzjoni tad-dazji b'sostituzzjoni f'dan il-każ fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Annessi II u III tar-Regolament bażiku. Din ma tikkonformax mar-regoli stabbiliti fl-Anness I, punt (i), l-Anness II (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni) u l-Anness III (definizzjoni u regoli għas-sostituzzjoni ta' restituzzjoni) tar-Regolament bażiku. Il-GTI ma kellux sistema ta' verifika affidabbli fis-seħħ biex jikkonferma jekk u f'liema ammonti ġew ikkunsmati inputs fil-produzzjoni tal-prodott esportat (l-Anness II(4) tar-Regolament bażiku u, fil-każ ta' skemi ta' restituzzjoni ta' sostituzzjoni, l-Anness III(II)(2) tar-Regolament bażiku).

([26]) In-Notifika Nru 45/2018-Dwana (N.T.) datata l-24 ta' Mejju, 2018.

(68) Filwaqt li l-ammont ta' sussidjar matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ma setax jiġi stabbilit minħabba n-nuqqas ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-produttur li kkoopera, abbażi tas-sejbiet imsemmija fil-premessi minn (49) sa (66), u fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni kontrarja, seta' jiġi konkluż li l-produtturi Indjani tal-PET komplew jiġu sussidjati. Kif xieraq, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm biżżejjed evidenza li turi li l-Iskema ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem bħala sussidju kumpensabbli kompliet matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

3.2.7. *Kummenti riċevuti*

(69) B'segwitu għad-definizzjoni finali, il-GTI kkontesta l-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-AAS kellha nuqqas ta' sistema ta' verifika effettiva. Matul il-proċess ta' verifika, il-GTI ssottometta diversi eżemplari ta' formoli 4H taħt l-AAS għall-produtturi tal-PET, kif ukoll rapport tal-awditjar għal prodott li mhuwiex PET. Dawn is-sottomissjonijiet, fil-fehma tal-GTI, juri li l-Kummissjoni żbaljat fil-valutazzjoni tagħha u kien imissha kkonkludiet li l-AAS mhijiex kumpensabbli.

(70) Barra minn hekk, il-GTI saħaq li s-sejbiet tal-Kummissjoni ma kinux sostnuti minn evidenza, billi l-ebda benefiċċju tanġibbli għall-esportazzjonijiet tal-PET fl-UE ma ġie kkwantifikat matul il-PIR. Fil-fehma tal-GTI, mingħajr tali kwantifikazzjoni, id-dipendenza tal-Kummissjoni fuq din il-bażi biex tiġġustifika l-kontinwazzjoni tal-miżuri antisussidji ma treġix.

(71) Il-Kummissjoni nnutat fil-premessa (61) li l-format preskritt għar-rapportar tal-konsum u l-użu ta' oġġetti importati mingħajr dazju jew akkwistati domestikament mhuwiex imfassal biex jivverifika l-inkorporazzjoni fiżika ta' tali inputs fi prodotti esportati. Filwaqt li qieset ir-rapport tal-awditjar provdut mill-GTI bħala eżempju għal prodott li mhuwiex PET, il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (63) li dan naqas milli jsemmi kwalunkwe sistema ta' traċċar sistematiku applikata mill-esportatur u ma rreferix għall-PET, filwaqt li l-GTI ntalab b'mod speċifiku li jipprovdi tali evidenza għall-PET.

(72) Rigward il-benefiċċju kwantifikabbli, il-Kummissjoni diġà nnutat fil-premessa (65) li f'rieżami ta' skadenza mhuwiex neċessarju li jiġi kkwantifikat l-ammont eżatt tas-sussidji riċevuti iżda biss il-kontinwazzjoni tagħhom. Fin-nuqqas ta' sistema ta'verifika affidabbli fis-seħħ biex tikkonferma jekk ġewx ikkunsmati inputs fil-produzzjoni tal-prodott esportat matul il-PIR, u f'liema kwantitajiet, jista' jiġi raġonevolment konkluż li, bħal fil-kuntest tal-investigazzjoni preċedenti, dak is-sussidjar qiegħed jitkompla. Il-kummenti tal-GTI dwar l-AAS ma pprovdew l-ebda evidenza ġdida rigward dawn l-affermazzjonijiet li ġew b'hekk miċħuda.

3.3. **Skema ta' Restituzzjoni tad-Dazji (DDS)**

(73) Il-produttur esportatur li kkoopera kkonferma li kiseb konċessjonijiet taħt id-DDS matul il-PIR.

(74) Din l-iskema diġà ġiet ikkumpensata f'għadd ta' proċedimenti ta' dazju kumpensatorju li jikkonċernaw l-Indja, inkluż fil-premessi minn (92) sa (116) tar-regolament dwar is-sistemi ta' elettrodi tal-grafit ([27]), fil-premessi minn (154) sa (173) tar-regolament dwar il-prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti fil-kiesaħ ([28]), fil-premessi minn (103) sa (132) tar-regolament dwar il-ħadid fondut bil-grafit sferojdali ([29]), fil-premessi minn (39) sa (61) tal-aħħar regolament dwar ir-rieżami ta' skadenza ([30]) u fil-premessi minn (61) sa (76) tar-regolament dwar l-istaneg u l-vireg tal-azzar inossidabbli ([31]).

([27]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1103.
([28]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/433.
([29]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/927 tal-15 ta' Ġunju 2022 li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala ħadid fondut bil-grafit sferojdali) li joriġinaw mill-Indja, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 161, 16.6.2022, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/927/oj).
([30]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1286.
([31]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1141.

3.3.1. *Bażi Legali*

(75) L-iskema DDS hija bbażata fuq l-Artikolu 75 tal-Att Doganali tal-1962, it-Taqsima 37 tal-Att tas-Sisa Ċentrali tal-1944, fuq it-Taqsimiet 93A u 94 tal-Att Finanzjarju tal-1994 u tar-Regoli tal-1995 dwar ir-Restituzzjoni tad-Dazji tad-Dwana, tas-Sisa Ċentrali u tat-Taxxa fuq is-Servizzi. Ir-rati ta' restituzzjoni huma ppubblikati fuq bażi regolari.

(76) Il-bażi legali applikabbli matul l-investigazzjoni oriġinali kienet ir-Regoli dwar ir-Restituzzjoni tad-Dazji Doganali u tas-Sisa Ċentrali tal-1995 ([32]) ("ir-Regoli tad-DDS tal-1995"), kif emendati fl-2006. Ir-Regoli tad-DDS tal-1995 ġew sostitwiti mir-Regoli dwar ir-Restituzzjoni tad-Dazji Doganali u tas-Sisa Ċentrali tal-2017 ("ir-Regoli tad-DDS tal-2017") li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2017 ([33]) u kienu applikabbli matul il-PIR. Ir-regola 3(2) tar-Regoli tad-DDS tal-1995 kienet tirregola l-metodu ta' kalkolu ta' din l-iskema ta' restituzzjoni tad-dazji. Ir-regola 12(1)(a)(ii) tar-Regoli DDS imsemmija kienet tirregola d-Dikjarazzjoni li l-produtturi esportaturi jeħtieġ li jippreżentaw sabiex jibbenefikaw mill-iskema. Dawn id-dispożizzjonijiet baqgħu sostanzjalment identiċi fir-Regoli tad-DDS tal-2017 applikabbli bħalissa u jikkorrispondu għar-Regola 3(2) u r-Regola 13(1)(a)(ii) rispettivament. Barra minn hekk, iċ-Ċirkolari Nru 24/2001 fiha struzzjonijiet speċifiċi dwar kif għandhom jiġu implimentati l-Artikolu 3(2) u d-Dikjarazzjoni li l-esportaturi jeħtieġ li jipproduċu skont ir-Regola 12(1)(a)(ii) ([34]).

(77) L-Artikolu 4 tar-Regoli tad-DDS tal-1995 jistipula li l-Gvern Ċentrali jista' jirrevedi l-ammont jew ir-rati ddeterminati skont l-Artikolu 3(2). Il-Gvern għamel għadd ta' modifiki bħal dawn. In-Notifika Nru 07/2020-CUSTOMS (N.T.) tat-28 ta' Jannar 2020 ([35]) irrevediet ir-rata għall-prodott taħt rieżami applikabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għal 1,3 % tal-valur frank abbord (FOB, free on board) tal-prodotti esportati, li kienet applikabbli sad-29 ta' Ottubru 2023. In-Notifika Nru 77/2023 tat-30 ta' Ottubru 2023 ([36]) irrevediet ir-rata għal 1,2 %.

3.3.2. *Eliġibbiltà*

(78) Kwalunkwe manifattur-esportatur jew negozjant-esportatur huwa eliġibbli għal din l-iskema.

3.3.3. *L-implimentazzjoni fil-prattika*

(79) Skont din l-iskema, kwalunkwe kumpanija li tesporta prodotti eliġibbli hija intitolata li tirċievi ammont li jikkorrispondi għal perċentwal tal-valur FOB iddikjarat tal-prodott esportat. Skont ir-Regola 3(2) tar-Regoli dwar ir-Restituzzjoni tad-Dazji Doganali u tas-Sisa Ċentrali, il-GTI jibbaża l-ammont rimborżabbli fuq il-valuri medji tal-industrija kollha tad-dazji doganali rilevanti mħallsa fuq materja prima importata u proporzjon medju tal-konsum tal-industrija miġbur minn dak li l-GTI jqis bħala manifatturi rappreżentattivi tal-prodotti eliġibbli għall-esportazzjoni. Il-GTI mbagħad jesprimi l-ammont li għandu jiġi rimborżat bħala perċentwali tal-valur medju ta' esportazzjoni ta' prodotti esportati eliġibbli.

(80) Sabiex tkun eliġibbli għall-benefiċċji minn din l-iskema, kumpanija trid tesporta. Fil-mument meta d-dettalji tal-konsenja jiddaħħlu fis-server Doganali (ICEGATE), huwa indikat li l-esportazzjoni qed issir taħt id-DDS u l-ammont ta' DDS huwa ffissat irrevokabbilment. Wara li l-kumpanija tat-tbaħħir tkun ippreżentat Manifest Ġenerali tal-Esportazzjoni u l-uffiċċju doganali jkun qabbel b'mod sodisfaċenti dak id-dokument mad-data tal-polza ta' kargu, il-kundizzjonijiet kollha jkunu ssodisfati biex jawtorizzaw il-ħlas tal-ammont ta' restituzzjoni jew b'pagament dirett fuq il-kont bankarju tal-esportatur jew b'abbozz.

(81) L-esportatur għandu jipproduċi wkoll evidenza ta' realizzazzjoni tar-rikavati mill-esportazzjoni permezz ta' Ċertifikat ta' Realizzazzjoni Bankarja ("BRC, Bank Realisation Certificate"). Dan id-dokument jista' jiġi pprovdut wara li jkun tħallas l-ammont ta' restituzzjoni iżda l-GTI se jirkupra l-ammont imħallas jekk l-esportatur jonqos milli jissottometti l-BRC fl-iskadenza mogħtija.

([32]) https://indiankanoon.org/doc/58643989/ (jew sottomissjoni tal-GTI t24.007820 fl-14/09/2024).
([33]) https://taxguru.in/custom-duty/customs-central-excise-duties-drawback-rules-2017-882017-customs-tariff-2.html (jew sottomissjoni tal-GTI t24.007820 fl-14/09/2024).
([34]) https://taxinformation.cbic.gov.in/view-pdf/1001268/ENG/Circulars (jew sottomissjoni tal-GTI t24.007820 fl-14/09/2024).
([35]) https://taxinformation.cbic.gov.in/view-pdf/1000233/ENG/Notifications (jew sottomissjoni tal-GTI t24.010097 fl-14/11/2024, p. 48).
([36]) Is-sottomissjoni tal-t25.001630 fil-31/01/2025.

(82) L-ammont ta' restituzzjoni jista' jintuża għal kwalunkwe skop u, f'konformità mal-istandards tal-kontabbiltà Indjani, l-ammont jista' jitniżżel fuq bażi tad-dovuti bħala introjtu fil-kontijiet kummerċjali, mat-twettiq tal-obbligu għall-esportazzjoni.

(83) Il-leġiżlazzjoni u l-istruzzjonijiet amministrattivi rilevanti jistipulaw li l-amministrazzjoni doganali Indjana jenħtieġ li ma tirrikjedi l-ebda evidenza li l-esportatur li jitlob ir-restituzzjoni tad-dazji kellu jġarrab jew se jkollu jġarrab obbligazzjoni ta' dazju doganali għall-importazzjonijiet tal-materja prima meħtieġa għall-manifattura tal-prodott esportat. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda sistema jew proċedura fis-seħħ biex tikkonferma liema inputs huma kkonsmati fil-produzzjoni tal-prodotti għall-esportazzjoni u f'liema ammonti. Barra minn hekk, il-GTI ma wettaqx eżami ulterjuri bbażat fuq l-inputs attwali involuti.

3.3.4. *Kontribuzzjoni finanzjarja u benefiċċju*

(84) Kif previst fil-premessa (43), il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni speċifika għall-kumpaniji li fuqha seta' jiġi kkalkolat l-ammont ta' sussidju riċevut matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Madankollu, f'rieżami ta' skadenza mhuwiex meħtieġ li jiġi kkwantifikat l-ammont eżatt ta' sussidji riċevuti. Abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni setgħet tikkonkludi li l-GTI kompla jipprovdi sussidji fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. L-ammont ta' restituzzjoni tad-dazji huwa kontribuzzjoni finanzjarja mill-GTI peress li jieħu l-forma ta' trasferiment dirett ta' fondi mill-GTI. Ma hemm l-ebda restrizzjoni fuq l-użu ta' dawn il-fondi. Barra minn hekk, l-ammont ta' restituzzjoni tad-dazji jagħti benefiċċju lill-esportatur, minħabba li jtejjeb il-likwidità tiegħu. L-ammont ta' sussidju huwa l-ammont tar-restituzzjoni tad-dazji li kien ikun pagabbli mill-kumpanija riċeventi bir-rata tad-dazju standard applikabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

3.3.5. *Speċifiċità*

(85) Konsegwentement, il-ħlas li jieħu l-forma ta' trasferiment dirett ta' fondi mill-GTI wara l-esportazzjonijiet magħmula mill-esportaturi huwa kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u, għalhekk, din l-iskema hija meqjusa bħala speċifika u kumpensabbli fl-ambitu tal-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku.

3.3.6. *Konklużjoni dwar id-DDS*

(86) Ir-rata tar-restituzzjoni tad-dazji għall-esportazzjonijiet hija ddeterminata mill-GTI fuq bażi ta' prodott bi prodott. Madankollu, għalkemm is-sussidju huwa msejjaħ restituzzjoni tad-dazji, l-iskema ma għandhiex il-karatteristiċi ta' sistema ta' restituzzjoni tad-dazji permissibbli jew sistema ta' restituzzjoni tad-dazji b'sostituzzjoni fil-kuntest tat-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku; din ma hijiex konformi mar-regoli stabbiliti fl-Anness I, l-entrata (I), l-Anness II (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni) u l-Anness III (definizzjoni u regoli għal restituzzjoni b'sostituzzjoni) tar-Regolament bażiku. Il-ħlas bi flus kontanti lill-esportatur ma huwiex neċessarjament marbut ma' ħlasijiet attwali ta' dazji tal-importazzjoni fuq il-materja prima, u ma huwiex kreditu ta' dazju sabiex jikkumpensa għad-dazji tal-importazzjoni ta' importazzjonijiet ta' materja prima fil-passat jew fil-futur. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda sistema jew proċedura fis-seħħ biex tikkonferma liema inputs huma kkonsmati fil-produzzjoni tal-prodotti għall-esportazzjoni u f'liema ammonti. Barra minn hekk, il-GOI ma jidhirx li jagħmel eżami ulterjuri bbażat fuq l-inputs reali involuti, għalkemm dan ikollu jsir fin-nuqqas ta' sistema ta' verifika applikata b'mod effettiv (l-Anness II(5) u l-Anness III(II)(3) tar-Regolament bażiku). Ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza tal-eżistenza ta' rabta bejn ir-rati ta' restituzzjoni u d-dazji mħallsa fuq il-materja prima.

(87) F'konformità mal-investigazzjonijiet preċedenti deskritti fil-premessa (74) u abbażi tas-sejbiet imsemmija fil-premessi minn (78) sa (85), u fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni kuntrarja, seta' jiġi konkluż li l-produtturi tal-PET Indjani komplew jiġu sussidjati.

3.3.7. *Kummenti riċevuti*

(88) B'segwitu għad-divulgazzjoni finali, il-GTI kkontesta l-konklużjoni tal-Kummissjoni rigward is-sistema ta' verifika u saħaq li l-DDS mhijiex sussidju kumpensabbli. Il-GTI enfasizza li kien jeżisti qafas robust ta' verifika taħt ir-Regoli tal-1995 dwar ir-Restituzzjoni tad-Dazji tad-Dwana, tas-Sisa Ċentrali u tat-Taxxa fuq is-Servizzi (emendati fl-2006) u l-Manwal tad-Dwana tal-2015, inklużi verifiki mandatorji, spezzjonijiet fuq il-post u kontroverifika tad-data tal-input. Dawn il-mekkaniżmi, sostna l-GTI, jiżguraw li l-pagamenti ta' restituzzjoni ma jaqbżux id-dazji/taxxi mħallsa fuq l-inputs użati fi prodotti esportati, f'konformità mal-linji gwida tad-WTO. B'mod speċifiku, il-GTI kkwota r-rapport tal-Bord tad-WTO rigward il-kwistjoni*DS 486 dwar Miżuri rigward ċertu polietilentereftalat mill-Pakistan* ([37]), li ċċara li l-iskemi ta' restituzzjoni tad-dazji mhumiex kumpensabbli skont il-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri ta' Kumpensatorji ("ASCM", Agreement on Subsidies and Countervailing Measures) jekk jinkludu salvagwardji biex jiġu evitati remissjonijiet eċċessivi. Għalhekk, fil-fehma tal-GTI, id-DDS ma tissodisfax il-kriterji ta' applikabbiltà tal-miżuri kumpensatorji.

(89) Barra minn hekk, il-GTI saħaq li s-sejbiet tal-Kummissjoni ma kinux sostnuti minn evidenza, billi l-ebda benefiċċju tanġibbli għall-esportazzjonijiet tal-PET fl-UE ma ġie kkwantifikat matul il-PIR. Fil-fehma tal-GTI, mingħajr tali kwantifikazzjoni, id-dipendenza tal-Kummissjoni fuq din il-bażi biex tiġġustifika l-kontinwazzjoni tal-miżuri antisussidji ma treġix.

(90) Il-Kummissjoni nnutat li l-GTI ma ssottomettix evidenza ġdida fir-rigward tas-sistema ta' verifika biex jixħet dubji fuq il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni. Dawn is-sejbiet (li d-DDS hija sussidji kumpensabbli u li s-sistema ta' verifika tagħha mhijiex effettiva) huma f'konformità mal-konklużjonijiet fattwali li nstabu wkoll fl-investigazzjonijiet preċedenti deskritti fil-premessa (74). Fir-rigward tal-benefiċċju kwantifikabbli, fil-premessa (84) il-Kummissjoni ċċarat li f'rieżami ta' skadenza, mhuwiex neċessarju li jiġu kkwantifikati l-ammonti eżatt ta' sussidji riċevuti. Fin-nuqqas ta' sistema ta'verifika affidabbli fis-seħħ biex tikkonferma jekk ġewx ikkonsmati inputs fil-produzzjoni tal-prodott esportat matul il-PIR, u f'liema ammonti, jista' jiġi raġonevolment konkluż li, bħal fil-kuntest tal-investigazzjoni preċedenti, dak is-sussidjar qiegħed jitkompla. Konsegwentement, l-affermazzjonijiet tal-GTI dwar id-DDS ġew miċħuda.

3.4. **Skema ta' Promozzjoni tal-Esportazzjoni ta' Oġġetti Kapitali (EPCGS)**

(91) Din l-iskema diġà ġiet ikkumpensata f'għadd ta' proċedimenti ta' dazju kumpensatorju li jikkonċernaw l-Indja, inkluż fil-premessi minn (79) sa (90) tar-Regolament dwar is-sistemi ta' elettrodi tal-grafit ([38]), fil-premessi minn (174) sa (189) tar-Regolament dwar il-prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti fil-kiesaħ ([39]), fil-premessi minn (82) sa (93) tal-aħħar Regolament dwar ir-rieżami ta' skadenza u fil-premessi minn (86) sa (102) tar-Regolament dwar il-ħadid fondut bil-grafit sferojdali ([40]).

3.4.1. *Bażi legali*

(92) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-iskema EPCG tinsab fil-kapitolu 5 tal-FTP 2023 kif ukoll fil-kapitolu 5 tal-HOP 2023.

3.4.2. *Eliġibbiltà*

(93) Il-manifatturi-esportaturi, in-negozjanti-esportaturi "marbuta ma'" manifatturi ta' appoġġ u fornituri ta' servizzi huma eliġibbli għal din l-iskema.

([37]) https://www.wto.org/english/tratop_e/dispu_e/cases_e/ds486_e.htm.
([38]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1103.
([39]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/433.
([40]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/927.

3.4.3. *L-implimentazzjoni fil-prattika*

(94) Bil-kundizzjoni ta' obbligu għall-esportazzjoni, kumpanija hija permessa li timporta oġġetti kapitali (oġġetti kapitali ġodda jew użati li ma għandhomx aktar minn 10 snin) b'rata tad-dazju mnaqqsa. Għal dan il-għan, il-GTI joħroġ liċenzja tal-EPCGS b'applikazzjoni u bi ħlas ta' miżata. L-iskema tipprevedi rata ta' dazju mnaqqsa fuq l-importazzjoni, applikabbli għall-oġġetti kapitali kollha importati b'din l-iskema. Sabiex jiġi ssodisfat l-obbligu tal-esportazzjoni, l-oġġetti kapitali importati jridu jintużaw biex jiġi prodott ċertu ammont ta' oġġetti meqjusa għall-esportazzjoni matul perjodu partikolari. Skont l-FTP 2023, l-oġġetti kapitali jistgħu jiġu importati b'rata ta' dazju ta' 0 % skont l-EPCGS. L-obbligu għall-esportazzjoni li jammonta għal sitt darbiet id-dazju ffrankat irid jiġi ssodisfat f'perjodu massimu ta' 6 snin.

(95) Id-detentur ta' liċenzja tal-EPCGS jista' jġib ukoll l-oġġetti kapitali lokalment. F'dan il-każ, il-manifattur indiġenu ta' oġġetti kapitali jista' japprofitta huwa stess mill-benefiċċju ta' importazzjoni mingħajr dazju tal-komponenti meħtieġa għall-manifattura ta' tali oġġetti kapitali. Alternattivament, il-manifattur indiġenu jista' jiddikjara l-benefiċċju ta' esportazzjoni preżunta fir-rigward tal-provvista ta' oġġetti kapitali lil detentur tal-liċenzja tal-EPCGS.

3.4.4. *Kontribuzzjoni finanzjarja u benefiċċju*

(96) Il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni speċifika għall-kumpaniji li fuqha seta' jiġi kkalkolat l-ammont ta' sussidju riċevut matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Madankollu, f'rieżami ta' skadenza mhuwiex meħtieġ li jiġi kkwantifikat l-ammont eżatt ta' sussidji riċevuti. Abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni setgħet tikkonkludi li l-GTI kompla jipprovdi sussidji fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. It-tnaqqis fuq id-dazju jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja mill-GTI, billi din il-konċessjoni tnaqqas id-dħul mid-dazju tal-GTI li kieku kien ikun dovut lilu. Barra minn hekk, jagħti benefiċċju fuq l-esportatur daqs l-ammont tat-tnaqqis ta' dazju. L-ammont ta' sussidju huwa d-differenza bejn l-ammont ta' dazju attwalment imħallas mill-kumpanija reċipjenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u l-ammont li kien jitħallas bir-rata normali tad-dazju.

3.4.5. *Speċifiċità*

(97) L-EPCGS hija kontinġenti fil-liġi fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni, peress li tali liċenzji ma jistgħux jinkisbu mingħajr impenn ta' esportazzjoni. Għalhekk, hija meqjusa speċifika u kumpensabbli skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament bażiku.

3.4.6. *Konklużjoni dwar l-EPCGS*

(98) L-EPCGS ma tistax titqies bħala sistema permissibbli ta' restituzzjoni tad-dazji jew sistema ta' restituzzjoni tad-dazji b'sostituzzjoni fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Il-prodotti kapitali mhumiex koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn is-sistemi permissibbli, kif stipulat fl-Anness I punt (i), tar-Regolament bażiku, minħabba li ma jiġux ikkunsmati fil-produzzjoni tal-prodotti esportati.

(99) Il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni speċifika għall-kumpaniji li abbażi tagħha setgħet tikkalkula l-ammont ta' sussidju mogħti matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Għalkemm l-ammont ta' sussidjar ma setax jiġi stabbilit b'mod preċiż, abbażi tat-talba u fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni oħra fil-fajl li tindika l-kuntrarju, l-EPCGS tat benefiċċju fis-sens tal-Artikolu 6(a) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, u f'konformità mal-investigazzjonijiet preċedenti deskritti fil-premessa (91), il-Kummissjoni kkonkludiet li dan is-sussidju għadu jitqies bħala kumpensabbli.

3.4.7. *Kummenti riċevuti*

(100) B'segwitu għad-divulgazzjoni finali, il-GTI ssottometta li l-EPCGS tippermetti importazzjoni mingħajr dazju ta' oġġetti kapitali bl-għan li tittejjeb il-kompetittività tal-industrija tal-manifattura. Il-GTI argumenta li dawn il-benefiċċji mhumiex kumpensabbli taħt l-ASCM, u kkwota l-Anness I(h), (i) u l-Anness II, li jippermetti eżenzjonijiet mid-dazju/remissjonijiet tad-dazju fuq l-inputs użati fl-esportazzjonijiet. Huma biss l-eżenzjonijiet b'eċċess (lil hinn mid-dazji mħallsa fuq l-inputs ikkunsmati) li jikkostitwixxu sussidji. Il-GTI ċaħad il-konklużjoni tal-Kummissjoni, bħala inkonsistenti mad-dritt tad-WTO u mhijiex sostnuta minn evidenza.

(101) Il-Kummissjoni nnutat li l-GTI ma ppreżentax evidenza ġdida fir-rigward tal-iskema biex jixħet dubji fuq il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni. Is-sejbiet tal-Kummissjoni huma f'konformità mal-konklużjonijiet fattwali li nstabu wkoll fl-investigazzjonijiet preċedenti deskritti fil-premessa (91). Għaldaqstant, l-affermazzjonijiet tal-GTI dwar l-EPCGS ġew miċħuda.

3.5. **Skema ta' Eżenzjoni mid-Dazju fuq l-Elettriku ta' Gujarat (GEDES)**

(102) L-iskema GEDES hija bbażata fuq l-Att dwar id-Dazju fuq l-Elettriku ta' Gujarat, 1958 ([41]) ("l-Att dwar l-Elettriku") skont l-Artikolu 3(2) (vii) u (viii), kif emendat l-aħħar fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Gujarat f'Marzu 2020 ([42]).

(103) Il-Gvern tal-Istat ta' Gujarat għandu skema ta' eżenzjoni mid-dazju fuq l-elettriku, li hija amministrata taħt l-awtorità tal-Att dwar id-Dazju fuq l-Elettriku ta' Gujarat, 1958. Il-programm jeżenta lil ċerti intrapriżi eliġibbli li jistabbilixxu faċilità ta' produzzjoni addizzjonali fl-Istat ta' Gujarat mill-ħlas tad-dazju fuq l-elettriku għal perjodu ta' żmien stabbilit.

(104) Fl-aħħar Regolament dwar ir-rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni sabet li kumpanija waħda bbenefikat minn din l-iskema matul il-PIR. Barra minn hekk, l-applikant fakkar li wieħed mill-produtturi Indjani tal-PET, Senpet Polymers LLP, huwa stabbilit f'Gujarat, u għalhekk huwa probabbli li bbenefika minn dan il-programm ta' sussidju.

(105) Fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni, minn kwalunkwe produttur stabbilit f'Gujarat, u kwalunkwe evidenza oħra pprovduta mill-GTI, il-Kummissjoni kkonkludiet li dan is-sussidju għadu kumpensabbli abbażi tas-sejbiet mhux ikkontestati fl-investigazzjoni oriġinali u fin-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza li turi bidla fis-sitwazzjoni.

3.5.1. *Kummenti riċevuti*

(106) B'segwitu għad-divulgazzjoni finali, il-GTI ssottometta li l-iskema GEDES hija programm ta' żvilupp industrijali mhux speċifiku mmirat għal tkabbir ekonomiku usa', u mhux sussidju għall-esportazzjoni. L-objettiv tiegħu huwa li jsostni l-iżvilupp industrijali ġenerali, u mhux li jinċentivizza l-esportazzjonijiet. Il-GTI argumenta li l-Kummissjoni preċedentement kienet irrikonoxxiet il-benefiċċju taħt il-GEDES bħala negliġibbli, u dan ikkompromietta ulterjorment ir-rilevanza tiegħu. Fil-fehma tal-GTI, li wieħed jiddependi fuq din l-iskema biex jiġġustifika l-kontinwazzjoni tad-dazji kumpensatorji huwa legalment u fattwalment bla bażi.

(107) Il-Kummissjoni nnutat li l-GTI ma ppreżentax evidenza ġdida fir-rigward tal-iskema biex jixħet dubji fuq il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni. Il-konklużjonijiet fattwali rigward il-GEDES, li oriġinarjament instabu fl-investigazzjoni inizjali, ġew ikkonfermati fin-nuqqas ta' xi evidenza li turi tibdil fiċ-ċirkostanzi. Għaldaqstant, l-affermazzjonijiet tal-GTI dwar il-GEDES ġew miċħuda.

3.6. **Skemi addizzjonali allegati fit-talba għal rieżami**

(108) L-iskema RoDTEP issostitwiet l-Iskema għall-Esportazzjonijiet tal-Merkanzija mill-Indja (MEIS, Merchandise Exports from India Scheme), li skadiet fl-1 ta' Jannar 2021, iżda li oriġinarjament ġiet investigata u kkonfermata fl-aħħar rieżami ta' skadenza ([43]).

(109) L-iskema RoDTEP hija bbażata fuq l-Att tal-Kummerċ Barrani (Żvilupp u Regolamentazzjoni) tal-1992 (Nru 22 tal-1992) li daħal fis-seħħ fis-7 ta' Awwissu 1992 ("l-Att dwar il-Kummerċ Barrani"). L-Att dwar il-Kummerċ Barrani jawtorizza lill-GTI biex joħroġ notifiki dwar il-politika tal-esportazzjoni u l-importazzjoni. Dawn huma mogħtija fil-qosor fid-dokumenti tal-"Politika dwar il-Kummerċ Barrani", li jinħarġu mill-Ministeru għall-Kummerċ kull 5 snin u jiġu aġġornati regolarment ([44]).

([41]) https://www.indiacode.nic.in/bitstream/123456789/4362/1/gujaratelectricitydutyact.pdf.
([42]) Is-sottomissjoni tal-GTI t25.001630 tal-31/01/2025.
([43]) Il-premessi (104) sa (105) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1286.
([44]) https://www.dgft.gov.in/CP/?opt=ft-policy.

(110) Id-dokument tal-Politika tal-Kummerċ Barrani rilevanti għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami huwa l-Politika tal-Kummerċ Barrani FTP 2023. Daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2023. Il-GTI jistabbilixxi wkoll il-proċeduri li jirregolaw l-FTP f'Manwal ta' Proċeduri ([45]) ("HOP, Handbook of Procedures") 2023. Dan tal-aħħar daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2023. Ir-RoDTEP hija bbażata fuq l-FTP 2023 kif ukoll fuq il-HOP 2023.

3.7. **Skema għar-Remissjoni ta' Dazji u Taxxi fuq Oġġetti Esportati (RoDTEP, Remission of Duties and Taxes on Exported Goods)**

(111) Produttur esportatur wieħed li kkoopera kkonferma l-kisba ta' konċessjonijiet taħt l-iskema RoDTEP matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Madankollu, peress li ma esportax lejn l-Unjoni matul dan il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-benefiċċju ma ġiex ikkwantifikat.

(112) Din l-iskema diġà ġiet ikkumpensata fil-premessi minn (118) sa (132) tar-Regolament dwar is-sistemi ta' elettrodi tal-grafit ([46]).

3.7.1. *Bażi legali*

(113) Id-deskrizzjoni dettaljata tar-RoDTEP tinsab fil-kapitolu 4 tal-FTP 2023 kif ukoll fil-HOP 2023. Tista' tinstab ukoll fin-Notifika Nru 19/2015-20 datata s-17 ta' Awwissu 2021 ([47]) li tintroduċi r-RoDTEP fl-FTP 2015-2020, li kienet valida sakemm l-FTP 2023 daħlet fis-seħħ ([48]).

3.7.2. *Eliġibbiltà*

(114) Kwalunkwe manifattur-esportatur jew negozjant-esportatur huwa eliġibbli għal din l-iskema.

3.7.3. *L-implimentazzjoni fil-prattika*

(115) Il-kumpaniji eliġibbli jistgħu jibbenefikaw mir-RoDTEP billi jesportaw prodotti, li ma humiex eskluży skont il-lista tat-Taqsima 4.55 tal-FTP 2023 bħala Provvisti/Oġġetti/Kategoriji Ineliġibbli skont l-Iskema. Skont din il-lista, il-PET ma ġiex eskluż.

(116) Kif indikat fit-taqsima 4.54 tal-FOP 2023, l-objettiv tal-iskema huwa li tirrimborża kwalunkwe dazju, taxxa jew imposta li jkunu għadhom ma ġewx rimborżati, inklużi taxxi indiretti kumulattivi fi stadju preċedenti, fuq oġġetti u servizzi użati fil-produzzjoni tal-prodott esportat.

(117) Skont l-Iskema, jingħata ribass f'perċentwal notifikat tal-FOB b'limitu tal-valur FOB għal kull unità tal-prodott esportat. Ir-rata RoDTEP għall-PET ġiet stabbilita għal 1,4 % tal-valur tal-esportazzjonijiet ([49]) u mnaqqsa għal 1,3 % mill-1 ta' Ottubru 2023.

(118) L-Iskema hija implimentata permezz tal-ħruġ ta' ammont ta' ribass fil-forma ta' kreditu ta' dazju trasferibbli/skrip elettroniku (e-scrip), li jinżamm f'reġistru elettroniku mill-Bord Ċentrali tat-Taxxi Indiretti u d-Dwana (CBIC, Central Board of Indirect Taxes & Customs).

(119) L-iskrips elettroniċi jistgħu jintużaw għall-ħlas tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' inputs jew ta' oġġetti inklużi oġġetti kapitali taħt l-Ewwel Skeda għall-Att dwar it-Tariffi Doganali, 1975 viz. Dazju Doganali Bażiku.

([45]) https://www.dgft.gov.in/CP/?opt=ft-procedures.
([46]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1103.
([47]) https://content.dgft.gov.in/Website/dgftprod/ee052ba4-d026-4e3b-a100-20fdd0daeba2/Notification%20No.%2019%20English.pdf jew sottomissjoni tal-GTI t24.007820 fl-14/09/2024.
([48]) https://www.dgft.gov.in/CP/
([49]) In-Notifika Nru 55 b'effett mill-15.02.2023, sottomissjoni tal-GTI t24.007820 tal-14/09/2024.

(120) L-Avviż Pubbliku ([50]), applikabbli għar-rekords għall-2023-2024, jiddefinixxi l-proċedura u l-format għall-esportaturi biex iżommu rekords biex jissostanzjaw l-affermazzjonijiet tagħhom, bħal dawk relatati mal-PET esportat u l-inputs użati (l-Appendiċi 4RR - format għas-sottomissjoni tad-data skont ir-Redditu Annwali tar-RoDTEP). Skont l-avviż, ir-rekwiżiti se japplikaw wara Marzu 2025. Fir-rigward tal-Appendiċi 4RR, il-Kummissjoni sabet li l-format preskritt għar-rapportar tal-konsum u l-użu ta' dazji, taxxi jew imposti mhux rimborżati mhuwiex imfassal biex jivverifika l-inkorporazzjoni fiżika ta' tali inputs fi prodotti esportati. Għalhekk, abbażi tal-evidenza pprovduta, fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-GTI ma applikax b'mod effettiv sistema ta' verifika jew proċedura biex jikkonferma jekk u f'liema ammonti ġew ikkunsmati inputs fil-produzzjoni tal-prodott esportat matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, u b'hekk żgura li l-ammont ta' dazji jew taxxi rimessi ma jaqbiżx dawk li ġew akkumulati.

3.7.4. *Kontribuzzjoni finanzjarja u benefiċċju*

(121) Kif previst fil-premessa (111), il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni speċifika għall-kumpaniji li fuqha seta' jiġi kkalkolat l-ammont ta' sussidju riċevut matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Madankollu, f'rieżami ta' skadenza mhuwiex meħtieġ li jiġi kkwantifikat l-ammont eżatt ta' sussidji riċevuti. Abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni setgħet tikkonkludi li l-GTI kompla jipprovdi sussidji fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Kreditu ta' dazju tar-RODTEP huwa kontribuzzjoni finanzjarja mill-GTI, billi l-kreditu eventwalment jintuża sabiex ipaċi d-dazji tal-importazzjoni mħallsin fuq l-oġġetti kapitali, u b'hekk inaqqas id-dħul mid-dazju tal-GTI li kieku kien irid jitħallas. Barra minn hekk, il-kreditu ta' dazju RoDTEP jagħti benefiċċju lill-esportatur li mhuwiex soġġett għall-ħlas ta' dawk id-dazji tal-importazzjoni. L-ammont ta' sussidju huwa l-ammont ta' dazju li kien ikun pagabbli mill-kumpanija riċeventi bir-rata tad-dazju standard applikabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

3.7.5. *Speċifiċità*

(122) Ir-RODTEP hija kontinġenti fil-liġi fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni, u għalhekk titqies bħala speċifika u kumpensabbli skont l-Artikolu 4(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) tar-Regolament bażiku.

3.7.6. *Konklużjoni dwar ir-RoDTEP*

(123) Din l-iskema ma tistax titqies bħala sistema ta' restituzzjoni tad-dazji jew sistema ta' restituzzjoni tad-dazji b'sostituzzjoni permissibbli fil-kamp ta' applikazzjoni tat-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Ma tikkonformax mar-regoli stretti stabbiliti fl-Anness I, il-punti (h) u (i), fl-Anness II (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni) u fl-Anness III (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni b'sostituzzjoni) tar-Regolament bażiku. Esportatur ma jaqa' taħt l-ebda obbligu li attwalment jikkonsma kwalunkwe oġġett importat mingħajr dazju fil-proċess tal-produzzjoni u l-ammont ta' kreditu mhuwiex ikkalkolat skont l-inputs attwali użati. Kif spjegat fil-premessa (120) hawn fuq, ma kien hemm l-ebda sistema jew proċedura fis-seħħ matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami jew wara dak il-perjodu biex jiġi kkonfermat liema inputs jiġu kkunsmati fil-proċess tal-produzzjoni tal-prodott esportat jew jekk sarx ħlas żejjed ta' dazji tal-importazzjoni jew taxxi indiretti oħra fis-sens tal-punti (i) u (h), rispettivament, tal-Anness I u l-Annessi II u III tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, jidher li ma sar l-ebda studju ulterjuri mill-GTI fuq il-bażi tal-inputs u t-tranżazzjonijiet reali sabiex jiġi ddeterminat jekk kienx hemm pagament eċċessiv.

(124) Filwaqt li l-ammont ta' sussidjar matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ma setax jiġi stabbilit minħabba n-nuqqas ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni, abbażi tas-sejbiet imsemmija fil-premessi minn (115) sa (123) u fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni għall-kuntrarju, seta' jiġi konkluż li l-produtturi Indjani tal-PET komplew jiġu ssussidjati. Kif xieraq, u f'konformità mal-investigazzjoni preċedenti deskritta fil-premessa (112), il-Kummissjoni kkonkludiet li r-Remissjoni ta' Dazji u Taxxi fuq l-Iskema ta' Oġġetti Esportati hija sussidju kumpensabbli li kompla matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

([50]) L-Avviż Pubbliku 27/2024-25, datat it-23 ta' Ottubru 2024, applikabbli għar-rekords għall-2023–2024.

3.7.7. *Kummenti riċevuti*

(125) B'segwitu għad-divulgazzjoni finali, il-GTI tenna li r-RoDTEP hija skema ta' newtralità tat-taxxa trasparenti u mhux speċifika, u mhijiex sussidju għall-esportazzjoni, li tagħti rifużjonijiet ta' taxxi indiretti inkorporati fuq l-esportaturi kollha permezz tas-sistema e-scrip. Il-GTI sostna li din hija allinjata mad-dritt tad-WTO (l-ASCM, l-Artikolu 1.1(a)(ii)), billi tali skemi ta 'rifużjoni tat-taxxa mhumiex sussidji. Il-GTI saħaq li r-RoDTEP ma tipprovdix benefiċċju finanzjarju nett iżda sempliċiment tirkupra t-taxxi mħallsa, u tiżgura l-kompetittività. Matul il-proċess ta' verifika, il-GTI ssottometta eżemplari ta' awditjar li jikkonferma li r-rifużjonijiet taħt ir-RoDTEP ma qabżux it-taxxi effettivi mġarrba. Fil-fehma tal-GTI, għalhekk, il-konklużjoni tal-Kummissjoni hija legalment ivvizzjata, u tinjora l-konformità tar-RoDTEP mal-prattiki permessi skont l-ASCM.

(126) Il-Kummissjoni nnutat li l-GTI ma ppreżentax evidenza ġdida fir-rigward tal-iskema biex jixħet dubji fuq il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni. Is-sejbiet tal-Kummissjoni huma f'konformità mal-konklużjonijiet fattwali li nstabu wkoll fl-investigazzjonijiet preċedenti deskritti fil-premessa (112). Fil-premessa (120), il-Kummissjoni diġà nnutat li abbażi tal-evidenza pprovduta, il-GTI ma applikax b'mod effettiv sistema ta' verifika jew proċedura biex jikkonferma jekk ġewx ikkonsmati inputs fil-produzzjoni tal-prodott esportat matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, u f'liema ammonti, u b'hekk jiżgura li l-ammont ta' dazji jew taxxi rimessi ma jkunx jaqbeż dawk li jkunu ġew akkumulati. Għaldaqstant, l-affermazzjonijiet tal-GTI dwar ir-RoDTEP ġew miċħuda.

3.8. **Skema ta' Awtorizzazzjoni tal-Importazzjoni Ħielsa mid-Dazju (DFIA)**

3.8.1. *Bażi legali*

(127) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-iskema tinsab fil-paragrafi 4.24 sa 4.29 tal-FTP 2023 u l-kapitoli 4.52 sa 4.56 tal-HOP 2023.

3.8.2. *Eliġibbiltà*

(128) Il-kriterji ta' eliġibbiltà għal din l-iskema jinkludu:

— L-Awtorizzazzjoni tal-Importazzjoni Ħielsa mid-Dazju għandha tinħareġ fuq bażi ta' wara l-esportazzjoni għal prodotti li għalihom ikunu ġew innotifikati Normi Standard ta' Input Output.

— L-applikant irid ikun negozjant esportatur li jsemmi l-isem u l-indirizz tal-manifattur ta' sostenn fuq id-dokumenti tal-esportazzjoni.

— Applikazzjoni trid tiġi ppreżentata lill-Awtorità Reġjonali kkonċernata qabel ma ssir l-esportazzjoni.

— Jenħtieġ li l-input li għalih tintalab awtorizzazzjoni ta' importazzjoni mingħajr dazju ma jkunx soġġett għal kundizzjonijiet ta' qabel l-importazzjoni, kundizzjoni ta' "Utent Attwali" skont SION, jew kundizzjonijiet ta' qabel l-importazzjoni skont l-Appendiċi 4J.

(129) Għall-esportazzjonijiet li jibbenefikaw mill-AAS, kumpanija ma tistax titlob benefiċċji skont id-DFIA fl-istess ħin.

(130) Fir-rieżami attwali, il-Kummissjoni investigat jekk il-GTI kellux fis-seħħ u kienx japplika sistema jew proċedura ta' verifika effettiva biex tikkonferma liema inputs ġew ikkunsmati fil-produzzjoni tal-prodott esportat u f'liema ammont.

(131) Kif spjegat mill-GTI, il-proċess ta' verifika kien simili għal dak tal-Iskema ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem; madankollu, ma seta' jipprovdi l-ebda rapport ta' verifika dwar il-verifika fiżika tal-konsum tal-inputs skont id-DFIA. Abbażi tan-nuqqas ta' evidenza, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-GTI ma kellux sistema ta' verifika affidabbli biex jikkonferma jekk, u sa liema punt, l-inputs importati ntużawx fil-produzzjoni tal-PET esportat.

3.8.3. *Kontribuzzjoni finanzjarja u benefiċċju*

(132) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi Indjani, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni speċifika għall-kumpaniji li fuqha seta' jiġi kkalkulat l-ammont ta' sussidju riċevut matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Madankollu, f'rieżami ta' skadenza mhuwiex meħtieġ li jiġi kkwantifikat l-ammont eżatt ta' sussidji riċevuti. Abbażi tal-evidenza disponibbli, l-eżenzjoni mid-dazji tal-importazzjoni skont din l-iskema hija sussidju fis-sens tal-

Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku għall-manifatturi esportaturi ugwali għall-ammont ta' dħul mitluf mill-gvern u għalhekk għall-ammont ta' dazji mhux miġbura: 100 % tad-Dazju Doganali Bażiku fuq l-inputs mhux imħallsa mill-esportatur. Tikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja tal-GTI, peress li tirrinunzja għad-dħul mid-dazju li kieku kien ikun dovut u tagħti benefiċċju lill-esportaturi investigati peress li ttejjeb il-likwidità tagħhom. L-ammont ta' sussidju huwa l-ammont ta' ammont tad-dazju li kien ikun pagabbli mill-kumpanija riċeventi bir-rata tad-dazju standard applikabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

3.8.4. *Speċifiċità*

(133) Is-sussidju huwa meqjus bħala speċifiku skont l-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku peress li huwa kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni (l-Anness I, l-ittra (i) tar-Regolament bażiku).

3.8.5. *Konklużjoni dwar id-DFIA*

(134) L-iskema DFIA hija kontribuzzjoni finanzjarja minn gvern, jiġifieri dħul tal-gvern li altrimenti huwa dovut li jintilef jew ma jinġabarx (l-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku). Dan is-sussidju jagħti benefiċċju fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u 3(2) tar-Regolament Bażiku AS lill-manifatturi esportaturi ugwali għall-ammont ta' dħul mitluf mill-gvern u għalhekk għall-ammont ta' dazji mhux miġbura: 100 % tad-Dazju Doganali Bażiku fuq l-inputs mhux imħallsa mill-esportatur. Is-sussidju jitqies bħala speċifiku skont l-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku peress li huwa kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni.

(135) Filwaqt li l-ammont ta' sussidjar matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ma setax jiġi stabbilit minħabba n-nuqqas ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni, abbażi tas-sejbiet imsemmija fil-premessi minn (128) sa (133) u fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni għall-kuntrarju, seta' jiġi konkluż li l-produtturi Indjani tal-PET komplew jiġu ssussidjati. Kif xieraq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Iskema ta' Awtorizzazzjoni tal-Importazzjoni Ħielsa mid-Dazju hija sussidju kumpensabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

3.8.6. *Kummenti riċevuti*

(136) B'segwitu għad-divulgazzjoni finali, il-GTI asserixxa li l-iskema DFIA sempliċiment tagħti rifużjoni tat-taxxi mħallsa, ma tagħti l-ebda benefiċċju nett, u l-asserzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ispeċifiċità hija bla bażi minħabba n-nuqqas ta' evidenza (pereż. l-ebda esportazzjoni Indjana taħt l-iskema). Il-GTI argumenta li l-konklużjoni tal-Kummissjoni hija legalment żbaljata, u tinjora l-fatt li tali mekkaniżmi ta' rifużjoni tat-taxxa huma permessi min-natura tal-ASCM.

(137) Il-Kummissjoni nnutat li l-GTI ma ppreżentax evidenza ġdida fir-rigward tal-iskema biex jixħet dubji fuq il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, l-affermazzjonijiet tal-GTI dwar id-DFIA ġew miċħuda.

3.9. **Skema ta' Ugwalizzazzjoni tal-Imgħax (IES)**

(138) Ir-Reserve bank of India ("RBI") ħabbar l-"Interest Equalisation Scheme on Pre and Post Shipment Rupee Export Credit" fiċ-Ċirkolari Prinċipali DBR.Dir.BC.No.62/04.02.001/2015-16 datata l-4 ta' Diċembru 2015 ([51]). L-IES oriġinarjament kellha tiskadi f'Settembru 2021. Din ġiet estiża diversi drabi, bl-aħħar estensjoni permezz tal-avviż kummerċjali Nru 18/2024-2025 ([52]) sa tmiem l-2024, u wara dan skadiet. Filwaqt li l-Kummissjoni ma tiħux pożizzjoni dwar il-kumpens tal-iskema allegata, din ma ġietx investigata aktar għall-fini tar-rieżami attwali.

3.10. **Konklużjoni dwar il-kontinwazzjoni ta' sussidjar**

(139) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi tal-PET fl-Indja komplew jibbenefikaw minn sussidji kumpensabbli taħt, mill-inqas, ħames skemi matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. L-investigazzjoni ma żvelat l-ebda indikazzjoni li l-livell ta' sussidjar naqas b'mod sostanzjali meta mqabbel mal-aħħar investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza. L-evidenza fit-talba għal rieżami u pprovduta mill-produttur Indjan li kkoopera pjuttost ikkonfermat li l-benefiċċji taħt dawk is-sussidji xorta jibqgħu jeżistu.

3.11. **Konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tas-sussidjar**

(140) F'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk l-iskadenza tal-miżuri fis-seħħ hijiex probabbli li twassal għal kontinwazzjoni ta' sussidjar.

(141) Kif stabbilit fil-premessi minn (46) sa (135), ġie stabbilit li matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, l-esportaturi Indjani tal-prodott taħt rieżami komplew jibbenefikaw minn sussidjar kumpensabbli mill-awtoritajiet Indjani u ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li dawn il-benefiċċji se jitneħħew gradwalment fil-futur prevedibbli. Barra minn hekk, l-esportaturi jistgħu jibbenefikaw minn aktar minn sussidju wieħed.

(142) Barra minn hekk, l-analiżi tal-volum tal-produzzjoni u tal-kapaċità ta' riżerva fl-Indja, tal-volumi tal-esportazzjoni u l-prezzijiet mill-Indja lejn swieq ta' pajjiżi terzi oħrajn, tal-miżuri eżistenti fil-pajjiżi terzi l-oħrajn, u tal-attraenza tas-suq tal-Unjoni (ara l-premessi minn (191) sa (200)) turi wkoll li huwa probabbli li l-esportazzjonijiet sussidjati jżidu b'mod sostanzjali l-preżenza tagħhom fis-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri kurrenti jitħallew jiskadu.

(143) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, f'konformità mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' sussidjar jekk il-miżuri fis-seħħ jitħallew jiskadu.

4. **PROBABBILTÀ TAL-KONTINWAZZJONI JEW IR-RIKORRENZA TAD-DANNU**

4.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(144) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-prodott simili kien manifatturat minn 41 produttur tal-Unjoni. Dawn il-produtturi tal-Unjoni jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" fis-sens tal-Artikoli 9(1) u 10(6) tar-Regolament bażiku. Minn dawn il-produtturi, 10 kumpaniji huma rrappreżentati mill-applikant. Kif deskritt fil-premessa (24), żewġ produtturi tal-Unjoni ġew inklużi fil-kampjun u l-kampjun jammonta għal aktar minn 30 % tal-volum totali stmat tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni.

([51]) https://www.rbi.org.in/Scripts/NotificationUser.aspx?Id=10159&Mode=0 (aċċessat l-aħħar fid-19/11/2024) jew is-sottomissjoni tal-GTI t24.010097 fl-14/11/2024.

([52]) Is-sottomissjoni mill-GTI t25.001630 tal-31/01/2025.

4.2. **Konsum tal-Unjoni**

(145) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni billi żiedet:

(i) il-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, miksub wara verifika tat-tweġibiet għall-kwestjonarju,

(ii) il-bejgħ ta' produtturi tal-Unjoni li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun u produtturi oħra tal-Unjoni, miksub mill-applikant abbażi tad-data esperta tal-industrija ta' Wood Mackenzie,

(iii) l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u mill-pajjiżi terzi l-oħra kollha, abbażi tal-Eurostat.

(146) Abbażi ta' dan, il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Il-konsum tal-Unjoni

	2020	2021	2022	2023	PIR
Konsum tal-Unjoni (tunnellati)	4 346 218	4 070 258	4 360 918	3 975 162	3 846 943
Indiċi (2020=100)	*100*	*94*	*100*	*91*	*89*

Sors: it-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, it-talba għal rieżami, l-informazzjoni pprovduta mill-applikant, l-Eurostat.

(147) Fuq din il-bażi, il-konsum tal-Unjoni naqas bi 11 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(148) Il-Kummissjoni sabet ukoll li madwar 2-3 % tal-produzzjoni totali tal-produtturi tal-Unjoni (mhux riflessa fil-konsum tal-Unjoni u indikaturi ekonomiċi oħra deskritti f'dan ir-Regolament) kienet destinata għall-użu ristrett fil-perjodu kkunsidrat.

4.3. **Importazzjonijiet mill-Indja**

4.3.1. *Il-volum u s-suq tal-ishma*

(149) Il-volumi tal-importazzjonijiet mill-Indja kienu bbażati fuq l-istatistika tal-Eurostat kif ukoll fuq il-bażi tad-data rreġistrata fil-bażi tad-data 14(6) ([53]). Il-Kummissjoni stabbilixxiet is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet abbażi tal-konsum tal-Unjoni kif stabbilit fil-premessa (145).

Tabella 2

Volum tal-importazzjonijiet u sehem mis-suq (*)

		2020	2021	2022	2023	PIR
l-Indja	Volum tal-importazzjoni (tunnellati)	[122 000 – 126 000]	[90 000 – 95 000]	[95 000 – 100 000]	[1 500 – 2 500]	[1 500 – 2 500]
	Indiċi (2020=100)	*100*	*74*	*78*	*2*	*2*
	Sehem mis-suq (%)	2,87	2,27	2,24	0,06	0,05

Sors: L-Eurostat, bażi tad-data 14(6)
(*) Eskluż l-importazzjonijiet tal-PET minn Futura Polyesters Ltd, li mhumiex koperti mill-miżuri kumpensatorji

([53]) Statistika dwar l-importazzjonijiet ta' kull xahar ibbażata fuq data reali pprovduta mill-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku.

(150) Is-sospensjoni tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (GSP, Generalised System of Preferences) fl-Indja għall-PET mill-2023, flimkien mat-tiġdid tad-dazji kumpensatorji essenzjalment waqqfu l-fluss tal-importazzjonijiet mill-Indja. B'mod aktar speċifiku, l-importazzjonijiet Indjani naqsu matul il-perjodu kkunsidrat minn aktar minn [122 000–126 000] tunnellata fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat għal sempliċi [1 500–2 500] tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, li jirrappreżentaw inqas minn 0,1 % tas-sehem mis-suq fl-Unjoni. Il-valutazzjoni tal-volumi tal-importazzjonijiet mill-Indja teskludi l-importazzjonijiet ta' Futura Polyesters Ltd (eżentati mill-miżuri), li l-importazzjonijiet tagħha b'mod partikolari fl-2023 u fil-PIR kienu fi kwalunkwe każ negliġibbli.

4.3.2. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(151) Il-ftit bejgħ tal-prodott taħt rieżami mill-Indja lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ma setax jintuża biex tinħareġ xi konklużjoni sinifikanti.

4.3.3. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra*

(152) Il-volum tal-importazzjonijiet u l-prezz medju tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi l-oħra kollha kienu bbażati fuq l-istatistika tal-Eurostat. Il-Kummissjoni stabbilixxiet is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet abbażi tal-konsum tal-Unjoni kif stabbilit fil-premessa (146).

Tabella 3

Il-volum tal-importazzjoni u s-sehem mis-suq - il-pajjiżi terzi l-oħra kollha

		2020	2021	2022	2023	PIR
Il-pajjiżi terzi l-oħra kollha	Volum tal-importazzjoni (tunnellati)	807 660	659 672	1 027 563	1 255 423	1 156 366
	Indiċi	*100*	*82*	*127*	*155*	*143*
	Sehem mis-suq (%)	19	16	24	32	30
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	772	944	1 406	1 080	1 023
	Indiċi	*100*	*122*	*182*	*140*	*132*
Il-Vjetnam	Volum tal-importazzjoni (tunnellati)	92 359	91 709	156 729	278 180	359 575
	Sehem mis-suq (%)	2	2	4	7	9
	Indiċi	*100*	*99*	*170*	*301*	*389*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	732	940	1 426	1 022	986
	Indiċi	*100*	*128*	*195*	*140*	*135*
It-Turkija	Volum tal-importazzjoni (tunnellati)	124 883	160 162	173 613	214 650	257 022
	Indiċi	*100*	*128*	*139*	*172*	*206*
	Sehem mis-suq (%)	3	4	4	5	7
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	787	940	1 441	1 111	1 055
	Indiċi	*100*	*119*	*183*	*141*	*134*

		2020	2021	2022	2023	PIR
L-Eġittu	Volum tal-importazzjoni (tunnellati)	81 942	70 786	172 913	207 161	204 264
	Indiċi	*100*	*86*	*211*	*253*	*249*
	Sehem mis-suq (%)	2	2	4	5	5
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	794	1 020	1 474	1 052	1 013
	Indiċi	*100*	*128*	*185*	*132*	*128*
Pajjiżi terzi oħra	Volum tal-importazzjoni (tunnellati)	508 476	337 016	524 307	555 433	335 505
	Sehem mis-suq (%)	12	8	12	14	9
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	772	931	1 365	1 109	1 044

(153) Il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi l-oħrajn kollha żdied bi 11 % bejn l-2020 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, minn 807 660 tunnellata fl-2020 għal 1 156 366 tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi l-oħra kollha kien fil-medda ta' bejn 16 % u 32 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi l-oħra kollha żdied bi 32 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(154) Il-biċċa l-kbira tal-importazzjonijiet ġew mill-Vjetnam (sehem mis-suq ta' 9,3 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami), mit-Turkija (sehem mis-suq ta' 6,7 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami) u mill-Eġittu (sehem mis-suq ta' 5,3 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami). Il-volumi tal-importazzjonijiet minn kull wieħed mit-tliet importaturi żdiedu b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat. Il-prezzijiet tagħhom kienu qegħdin ivarjaw skont dawk tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(155) Fl-aħħar nett, il-volumi tal-importazzjoni tal-pajjiżi terzi li jifdal (għajr l-Indja, il-Vjetnam, it-Turkija u l-Eġittu) naqsu b'mod konsiderevoli b'34 % bejn l-2020 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Is-sehem mis-suq tagħhom naqas bi 3 punti perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat, minn 11,7 % fl-2020 għal 8,7 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Il-prezzijiet tal-importazzjoni minn dawn il-pajjiżi kienu bħala medja ogħla mill-prezzijiet tal-importazzjoni mill-Indja matul il-perjodu 2020–2022, meta l-kwantitajiet tal-importazzjoni mill-Indja kienu għadhom rappreżentattivi.

4.4. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.4.1. *Kummenti ġenerali*

(156) F'konformità mal-Artikolu 8(4) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi ekonomiċi u l-indiċijiet kollha rilevanti li għandhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(157) Kif imsemmi fil-premessa (24), ġie applikat il-kampjunar biex jiġi ddeterminat id-dannu possibbli li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

(158) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni vvalutat l-indikaturi makroekonomiċi relatati mal-industrija kollha tal-Unjoni fuq il-bażi tad-data miksuba mill-applikant, kontroverifikata mal-informazzjoni pprovduta minn għadd ta' produtturi tal-Unjoni fl-istadju ta' qabel il-bidu u t-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Il-Kummissjoni vvalutat l-indikaturi mikroekonomiċi fuq il-bażi tad-data li tinsab fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, li kienu vverifikati. Iż-żewġ settijiet ta' data nstabu li jirrappreżentaw is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(159) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum ta' bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tar-rati ta' sussidju u l-irkupru minn sussidjar tal-passat.

(160) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji ta' unità, il-kost ta' unità, il-kostijiet lavorattivi, l-istokks tal-għeluq, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat kapital.

4.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

(a) ***Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità***

(161) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 4

Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni

	2020	2021	2022	2023	PIR
Volum tal-produzzjoni (tunnellati)	3 323 632	3 367 963	3 250 341	2 668 477	2 665 170
Indiċi (2020=100)	*100*	*101*	*98*	*80*	*80*
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	3 879 892	3 956 555	4 043 716	4 079 010	4 039 787
Indiċi (2020=100)	*100*	*102*	*104*	*105*	*104*
Użu tal-kapaċità (%)	86	85	80	65	66

Sors: informazzjoni pprovduta mill-applikant, tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(162) Il-volum tal-produzzjoni żdied bi ftit mill-2020 sal-2021 biex imbagħad naqas taħt il-livelli tal-2020 fl-2022 u naqas saħansitra b'mod aktar sinifikanti (b'20 % meta mqabbel mal-2020) fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(163) Il-kapaċità tal-produzzjoni kienet relattivament stabbli matul il-perjodu kkunsidrat, u b'mod ġenerali żdiedet b'4 %.

(164) Peress li l-volum tal-produzzjoni naqas matul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li l-kapaċità żdiedet bi ftit, l-użu tal-kapaċità naqas b'20 punt perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat.

(b) ***Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq***

(165) Il-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u s-sehem mis-suq żviluppaw kif ġej tul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 5

Volum ta' bejgħ u sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni

	2020	2021	2022	2023	PIR
Volum tal-bejgħ fl-Unjoni (tunnellati)	3 411 954	3 289 452	3 211 733	2 716 543	2 687 928
Indiċi (2020=100)	*100*	*96*	*94*	*80*	*79*
Sehem mis-suq (%)	78,5	80,8	73,6	68,3	69,9

Sors: informazzjoni pprovduta mill-applikant, tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(166) Il-bejgħ totali tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni naqas kontinwament matul il-perjodu kkunsidrat, u naqas b'21 % bejn l-2020 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. B'mod ġenerali, it-tnaqqis fil-bejgħ tal-Unjoni kien konformi mat-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni, għalkemm il-bejgħ tal-Unjoni naqas b'rata aktar qawwija meta mqabbel mal-konsum (-11 %) matul l-istess perjodu. Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas b'mod korrispondenti bi 8,6 punti perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat.

(c) ***Tkabbir***

(167) Bejn l-2020 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-konsum tal-Unjoni naqas bi 11 %. Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas b'21 % li ssarraf f'telf fis-sehem mis-suq ta' 8,6 punti perċentwali.

(d) ***Impjiegi u produttività***

(168) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 6

Impjiegi u produttività tal-produtturi tal-Unjoni

	2020	2021	2022	2023	PIR
Għadd ta' impjegati	1 629	1 683	1 767	1 766	1 787
Indiċi (2020=100)	*100*	*103*	*109*	*108*	*110*
Produttività (tunnellati/impjegat)	2 040	2 001	1 839	1 511	1 492
Indiċi (2020=100)	*100*	*98*	*90*	*74*	*73*

Sors: informazzjoni pprovduta mill-applikant, tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(169) L-impjiegi tal-industrija tal-Unjoni żdiedu b'10 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(170) Minħabba t-tnaqqis fil-produzzjoni (tnaqqis ta' 20 %) akkumpanjat miż-żieda fl-impjiegi, il-produttività naqset b'27 % matul l-istess perjodu.

(e) ***Id-daqs tal-marġni tas-sussidju u l-irkupru mis-sussidjar tal-passat***

(171) Kif ġie konkluż fil-premessa (151), il-bejgħ tal-esportazzjonijiet Indjani lejn l-Unjoni ma tqiesx bħala rappreżentattiv tal-prezz u tal-kwantitajiet.

(172) Meħlusa mill-pressjoni tal-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja, l-industrija tal-Unjoni rnexxielha twieġeb għall-isfidi ppreżentati mit-tnaqqis fid-domanda u l-kost għoli tal-produzzjoni. Madankollu, l-industrija għadha vulnerabbli, kif muri mil-livelli baxxi ħafna ta' profitt u mil-livell baxx ta' domanda fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

4.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi* ([54])

(a) ***Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet***

(173) Il-prezzijiet tal-bejgħ medji tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 7

Prezzijiet tal-bejgħ medji fl-Unjoni u l-kost għal kull unità

	2020	2021	2022	2023	PIR
Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni (EUR/tunnellata)	[650 – 780]	[950 – 1 140]	[1 250 – 1 500]	[900 – 1 080]	[900 – 1 080]
Indiċi (2020=100)	*100*	*133*	*200*	*151*	*147*
Kost ta' unità tal-produzzjoni (EUR/tunnellata)	[700 – 840]	[850 – 1 020]	[1 250 – 1 500]	[1 050 – 1 250]	[1 000 – 1 200]
Indiċi (2020=100)	*100*	*128*	*187*	*159*	*151*

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(174) It-tabella ta' hawn fuq turi l-evoluzzjoni tal-prezz tal-bejgħ ta' unità mill-fabbrika fis-suq tal-Unjoni meta mqabbel mal-kost tal-produzzjoni korrispondenti. B'mod ġenerali, l-evoluzzjoni tal-kost tal-produzzjoni segwiet l-istess xejra bħall-prezzijiet tal-bejgħ.

(175) Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żdied b'100 % mill-2020 sal-2022, biex imbagħad naqas lejn tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, u żdied b'mod ġenerali b'47 % matul il-perjodu kkunsidrat. Iż-żieda kbira fil-prezzijiet fl-2022 kienet prinċipalment dovuta għall-provvista stretta tal-PET u t-trasferiment b'suċċess taż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima matul dik is-sena.

(176) Il-kost medju tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied matul il-perjodu kkunsidrat bl-istess mod bħall-prezzijiet tal-bejgħ (b'51 %). Il-fattur ewlieni li influwenza ż-żieda fil-kost ta' unità tal-produzzjoni kien iż-żieda fil-prezz tal-materja prima ([55]) matul il-perjodu kkunsidrat.

([54]) Minħabba l-fatt li hemm biss żewġ produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, id-data rilevanti f'din it-Taqsima hija pprovduta f'firxiet.

([55]) Il-prezz tal-PET huwa ddeterminat b'madwar 90 % mill-prezzijiet tal-materja prima ewlenija, jiġifieri l-aċidu tereftaliku ppurifikat (PTA, purified terephthalic acid), li min-naħa tiegħu jvarja fuq il-bażi tal-prezzijiet taż-żejt mhux maħdum. Dan jikkawża volatilità għolja tal-prezzijiet tal-PET.

(b) ***Kostijiet lavorattivi***

(177) Il-kostijiet lavorattivi medji żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 8

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2020	2021	2022	2023	PIR
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR/ impjegat)	[25 000 – 30 000]	[25 000 – 30 000]	[30 000 – 36 000]	[30 000 – 36 000]	[35 000 – 42 000]
Indiċi (2020=100)	*100*	*104*	*118*	*126*	*135*

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(178) Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat żdiedu b'35 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(c) ***Stokks tal-għeluq***

(179) Il-livelli tal-istokks żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 9

Stokks tal-għeluq

	2020	2021	2022	2023	PIR
Stokks tal-għeluq (tunnellati)	[30 000 – 36 000]	[35 000 – 42 000]	[70 000 – 84 000]	[35 000 – 42 000]	[20 000 – 24 000]
Indiċi (2020=100)	*100*	*136*	*231*	*132*	*68*
Stokks tal-għeluq bħala persentaġġ tal-produzzjoni (%)	5 - 7	5 - 8	10 - 13	5 - 8	2 - 5

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(180) Il-livell ta' stokks tal-għeluq tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun naqas bi 32 % matul il-perjodu kkunsidrat. Fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-livell ta' stokkijiet kien jirrappreżenta madwar 3 % tal-produzzjoni tagħhom.

(d) ***Profittabilità, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital***

(181) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 10

Profittabbiltà, fluss ta' flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2020	2021	2022	2023	PIR
Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	[1 - 4]	[3 - 6]	[3 - 7]	[0 - 3]	[1 - 3]
Indiċi (2020=100)	*100*	*249*	*165*	*21*	*125*

	2020	2021	2022	2023	PIR
Fluss tal-flus (EUR)	[42 000 000 – 50 000 000]	[48 000 000 – 58 000 000]	[55 000 000 – 65 000 000]	[58 000 000 – 70 000 000]	[48 000 000 – 60 000 000]
Indiċi (2020=100)	*100*	*115*	*131*	*141*	*116*
Investimenti (EUR)	[4 300 000 – 5 200 000]	[4 700 000 – 5 700 000]	[10 000 000 – 13 000 000]	[8 000 000 – 11 000 000]	[8 000 000 – 11 000 000]
Indiċi (2020=100)	*100*	*108*	*253*	*206*	*187*
Redditu fuq l-investimenti (%)	[5 - 20]	[25 - 40]	[45 - 60]	[- 10 - 0]	[5 - 20]
Indiċi (2020=100)	*100*	*275*	*393*	*- 28*	*73*

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(182) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni kienet pożittiva matul il-perjodu kkunsidrat, għalkemm naqset għal ċifri ta' kważi ekwilibriju fl-2023 (wara li ġiet affettwata b'mod negattiv mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, (RPĊ)) wara ż-żieda fil-profitti fl-2021 u fl-2022. Fi kwalunkwe każ, il-profittabbiltà fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami baqgħet ferm taħt il-profitt fil-mira ta' 7 % stabbilit matul l-investigazzjoni tar-rieżami oriġinali ([56]).

(183) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-produttur tal-Unjoni biex jiffinanzja l-attivitajiet tiegħu stess. Il-fluss tal-flus nett kien qed jiżdied mill-bidu tal-perjodu kkunsidrat sal-2023 biex imbagħad jonqos fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. B'mod ġenerali, dan juri żieda ta' 16 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(184) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-fluss annwali ta' investimenti fil-prodott taħt rieżami li sar mill-industrija tal-Unjoni beda jiżdied prinċipalment fl-2022, wara ż-żieda fil-livelli ta' profittabbiltà fl-2021. L-investimenti laħqu madwar EUR 10-12-il miljun fit-tieni parti tal-perjodu kkunsidrat, b'investimenti relatati mal-manutenzjoni, iż-żieda fil-kapaċità, l-effiċjenza u l-konformità ambjentali tal-impjanti tal-produzzjoni.

(185) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'persentaġġ tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Ir-redditu fuq l-investiment mill-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott simili tjieb bejn l-2020 u l-2022, u naqas b'mod sinifikanti fl-2023 biex finalment laħaq [5 % - 20 %] matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

4.4.4. *Konklużjoni dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(186) L-investigazzjoni wriet li s-sitwazzjoni tal-industrija fuq livell makro marret kemxejn għall-agħar matul il-perjodu kkunsidrat, bit-tnaqqis fil-produzzjoni u l-bejgħ (-20 % u -21 % rispettivament) oġħla mit-tnaqqis fil-konsum (-11 %). Barra minn hekk, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas b'9 punti perċentwali, iżda xorta żamm 70 % tas-suq tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(187) Is-sitwazzjoni tal-industrija fuq livell mikro kienet pjuttost pożittiva, għalkemm għadha vulnerabbli. Il-fluss tal-flus u l-profittabbiltà kienu pożittivi (għalkemm ferm 'il bogħod mill-profitt fil-mira) matul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li l-istokks tal-għeluq naqsu matul l-istess perjodu (kemm f'valuri assoluti kif ukoll bħala perċentwal tal-produzzjoni). Fi kwalunkwe każ, iċ-ċaqliq fid-domanda ma jistax jiggarantixxi żieda fil-produzzjoni u l-bejgħ fis-suq tal-Unjoni.

([56]) Il-profitt fil-mira ta' 7 % ġie stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, ara l-premessa (349), ĠU L199 5.8.2000, p. 44.

(188) Meta jitqiesu l-iżviluppi ta' hawn fuq, jista' jiġi konkluż li filwaqt li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu materjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami fis-sens tal-Artikolu 8 tar-Regolament bażiku, hija tinsab fi stat fraġli ħafna. Il-Kummissjoni fakkret li l-PET huwa meqjus bħala komodità u li s-suq huwa sensittiv ħafna għall-prezz. Għal din ir-raġuni, l-industrija tal-Unjoni ma tistax tgħolli l-prezzijiet tagħha mingħajr ma taffaċċja r-riskju li titlef il-volum tal-bejgħ meħtieġ biex iżżomm il-kostijiet fissi għal kull tunnellata f'livell baxx u aktar kompetittiv.

(189) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kompliet teżamina l-probabbiltà tar-rikorrenza tad-dannu kkawżata oriġinarjament minn importazzjonijiet sussidjati mill-Indja f'każ li l-miżuri jitħassru.

4.5. **Probabbiltà ta' rikorrenza tad-dannu**

4.5.1. *Osservazzjoni preliminari*

(190) Fil-premessa (188), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu materjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Għalhekk, il-Kummissjoni vvalutat, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, jekk ikunx hemm probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu oriġinarjament ikkawżat mill-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat: (a) l-attraenza tas-suq tal-Unjoni, (b) il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fl-Indja, (c) il-livelli probabbli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Indja fin-nuqqas ta' miżuri kumpensatorji, u (d) l-eżistenza ta' miżuri restrittivi għall-kummerċ f'pajjiżi terzi oħra fuq l-esportazzjonijiet tal-PET mill-Indja.

(a) ***Attraenza tas-suq tal-Unjoni***

(191) B'mod konsistenti mas-sejbiet fir-rieżami ta' skadenza preċedenti (ara l-premessi (177) u (178) tal-aħħar rieżami ta' skadenza), is-suq tal-Unjoni jibqa' attraenti f'termini tad-daqs u l-prezzijiet tiegħu (ara l-premessa (195)). L-attraenza tas-suq tal-Unjoni hija kkonfermata wkoll mill-importazzjonijiet tal-PET konsistentement għoljin mill-Indja matul il-perjodu kkunsidrat (sal-2023, meta t-trattament tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (GSP, Generalised System of Preferences) ġie sospiż), minkejja l-miżuri kumpensatorji fis-seħħ.

(b) ***Kapaċità ta' produzzjoni u kapaċità ta' riżerva disponibbli fl-Indja***

(192) L-investigazzjoni stabbiliet li l-Indja kellha tkabbir sostanzjali ta' 17 % fil-kapaċità tal-produzzjoni tagħha matul il-perjodu kkunsidrat, u laħqet madwar [2 000 – 2 700] elf tunnellata fi tmiem l-2023, filwaqt li d-domanda għall-PET fl-Indja laħqet biss madwar [1 200 – 1 500] elf tunnellata fl-istess sena ([57]). L-industrija Indjana hija mistennija li tkompli żżid il-kapaċità tagħha, b'żieda ta' 41 % prevista għall-perjodu 2024-2027 ([58]). B'diskrepanza bejn il-konsum domestiku u l-kapaċità tal-produzzjoni disponibbli għall-esportazzjonijiet ta' madwar [800 – 1 200] elf tunnellata fl-2023, tali kapaċità żejda disponibbli għall-esportazzjonijiet trid titqies sinifikanti peress li tirrappreżenta madwar 25 % tal-konsum attwali tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(c) ***Il-livelli tal-prezz probabbli tal-importazzjonijiet mill-Indja fin-nuqqas ta' miżuri kumpensatorji***

(193) Minħabba l-importazzjonijiet negliġibbli mill-Indja matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-prezz probabbli tal-esportazzjoni ġie stabbilit abbażi tal-esportazzjonijiet tal-PET mill-Indja lejn l-akbar tliet swieq tal-esportazzjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (l-Emirati Għarab Magħquda, Iżrael u l-Ġappun) ([59]).

(194) Sussegwentement sar tqabbil bejn il-prezzijiet tal-prodott simili prodott u mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni u l-prezzijiet medji ponderati tal-PET prodott fl-Indja u mibjugħ lill-Emirati Għarab Magħquda, l-Iżrael u l-Ġappun fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, aġġustati għal kost, assigurazzjoni u nol (CIF, Cost, Insurance and Freight) ipotetiku fil-livell tal-fruntiera tal-Unjoni (mingħajr id-dazji doganali).

([57]) Sors: Wood Mackenzie Ltd.
([58]) Sors: Wood Mackenzie Ltd.
([59]) Sors: https://connect.ihsmarkit.com/gta/home.

(195) It-tqabbil tal-prezzijiet wera li l-prezzijiet Indjani kienu [8–12] % inqas mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni.

(196) Din hija indikazzjoni ta' x'jista' jkun il-livell tal-prezz probabbli tal-importazzjonijiet mill-Indja jekk il-miżuri fl-Unjoni jitħassru.

(197) L-impożizzjoni ta' miżuri, flimkien mas-sospensjoni tal-GSP fl-Indja għall-importazzjonijiet tal-PET, jidher li skoraġġiet lill-esportaturi Indjani mill-fluss ta' PET Indjan fis-suq tal-Unjoni f'volumi kbar u bi prezzijiet baxxi. B'riżultat ta' dan, hemm biss volumi insinifikanti ta' importazzjonijiet mill-Indja lejn l-Unjoni. Madankollu, jekk il-miżuri kurrenti jitneħħew, huwa probabbli ħafna li l-importazzjonijiet Indjani jilħqu l-livelli ta' qabel l-2023, meta r-rata ta' penetrazzjoni tas-suq kienet pjuttost għolja (madwar 3 % tas-sehem mis-suq), minkejja l-miżuri fis-seħħ.

(198) Abbażi ta' dan, l-industrija tal-Unjoni x'aktarx se tkun esposta għal volumi sostanzjali ta' importazzjonijiet mill-Indja bi prezzijiet issussidjati aktar baxxi mill-prezzijiet medji tal-industrija tal-Unjoni, u b'hekk se jdgħajfu s-sitwazzjoni ekonomika tagħha. B'riżultat ta' dan, huwa probabbli li jerġa' jseħħ id-dannu materjali f'każ li jitneħħew il-miżuri kontra l-Indja.

(d) ***L-eżistenza ta' miżuri li jirrestrinġu l-kummerċ f'pajjiżi terzi oħra fuq l-esportazzjonijiet tal-PET mill-Indja***

(199) L-eżistenza ta' miżuri li jiddefendu l-kummerċ f'pajjiżi terzi hija wkoll indikazzjoni li l-imġiba tal-esportaturi Indjani fir-rigward tal-ipprezzar x'aktarx tiġi replikata fis-suq tal-Unjoni.

(200) Pereżempju, bħalissa hemm fis-seħħ miżuri li jiddefendu l-kummerċ kontra l-importazzjonijiet Indjani fir-Renju Unit, fl-Afrika t'Isfel u fl-Istati Uniti. Il-limitazzjonijiet f'dawn is-swieq tal-esportazzjoni fir-rigward tal-Indja huma indikazzjoni oħra li s-suq tal-Unjoni x'aktarx ikun fil-mira f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu.

4.5.2. *Impatt fuq l-industrija tal-Unjoni*

(201) L-investigazzjoni wriet li l-importazzjonijiet mill-Indja komplew jiġu ssussidjati u li ma hemm l-ebda indikazzjoni li s-sussidjar se jitwaqqaf fil-futur.

(202) Jista' jkun raġonevolment mistenni li, bħala konsegwenza tal-attraenza tas-suq tal-Unjoni, jekk il-miżuri jitħassru, mill-inqas parti mill-kapaċità ta' riżerva fl-Indja, probabbilment, se tkun (mill-ġdid) diretta lejn is-suq tal-Unjoni.

(203) Fil-premessa (198), ġie konkluż li huwa probabbli li l-produtturi esportaturi mill-Indja se jesportaw kwantitajiet sinifikanti tal-prodott taħt rieżami lejn l-Unjoni f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu u li dawn l-esportazzjonijiet se jsiru bi prezzijiet sussidjati.

(204) F'termini ta' volumi, hemm probabbiltà kbira li l-produtturi esportaturi Indjani se jiksbu aktar sehem mis-suq mill-industrija tal-Unjoni li taffaċċja tnaqqis immedjat fil-volumi tal-bejgħ tagħha u żieda fil-kostijiet fissi għal kull unità tagħha. Tabilħaqq, l-industrija tal-PET hija industrija li tuża kapital kbir li jeħtieġ li żżomm ċertu volum ta' produzzjoni biex iżżomm il-kostijiet fissi f'livelli raġonevoli. Iż-żieda fil-kostijiet fissi wara tnaqqis fil-produzzjoni u fil-bejgħ taffettwa b'mod negattiv il-profittabbiltà. B'konsegwenza ta' dan, il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni u s-sitwazzjoni ekonomika ġenerali tagħha jiġu affettwati b'mod negattiv u jerġa' jseħħ dannu materjali. B'mod parallel, l-industrija tal-Unjoni tkun prekluża milli tagħmel l-investimenti meħtieġa biex tilħaq l-objettivi ta' sostenibbiltà tal-Unjoni.

(205) Abbażi ta' dak li ssemma hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà kbira ta' rikorrenza ta' ħsara mill-importazzjonijiet Indjani f'każ li l-miżuri jitħassru.

4.5.3. *Kummenti tal-partijiet*

(206) B'reazzjoni għad-divulgazzjoni finali, il-GTI saħaq li l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza tad-dannu għall-industrija tal-Unjoni kienet improbabbli, billi l-esportazzjonijiet Indjani tal-PET spiċċaw kważi fix-xejn matul il-PIR. Skont il-GTI, kwalunkwe dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni x'aktarx li jkun aktar marbut mal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, b'sehem ferm akbar mis-suq. F'dan il-kuntest, il-GTI rrefera għal għadd ta' xejriet ekonomiċi, bħat-tnaqqis fil-volumi ta' bejgħ tal-Unjoni, żieda fil-kost tal-produzzjoni u tnaqqis fil-profittabbiltà fl-2023 u saħaq li din l-evoluzzjoni tax-xejriet kienet dovuta għall-fatturi oħra li mhumiex l-importazzjonijiet Indjani.

(207) L-ewwel nett, kif stabbilit fil-premessa (188), ma ġiex konkluż li l-industrija tal-Unjoni kienet sofriet dannu materjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, li jagħmel ridondanti l-analiżi tal-kawżalità u l-attribwibbiltà tad-dannu għall-importazzjonijiet mill-Indja/minn pajjiżi terzi oħra jew għal fatturi oħra. It-tieni, minkejja livell negliġibbli ta' importazzjonijiet Indjani, kif stabbilit fil-premessa (203), huwa probabbli li l-produtturi esportaturi mil-Indja jesportaw kwantitajiet sinifikanti tal-PET lejn l-Unjoni f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu u li dawn l-esportazzjonijiet isiru bi prezzijiet sussidjati.

(208) Il-GTI indika wkoll li l-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdiedet matul il-PIR, is-sehem mis-suq tagħha baqa' stabbli, il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha żdiedu u li l-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni kienet pożittiva matul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li l-importazzjonijiet Indjani kienu f'livelli baxxi.

(209) Mhuwiex qiegħed jiġi kkontestat li wħud mill-indikaturi ekonomiċi tal-industrija tal-Unjoni kienu pożittivi matul il-perjodu kkunsidrat jew fil-PIR filwaqt li l-importazzjonijiet Indjani kienu negliġibbli fil-PIR. Madankollu, dan ma jxejjinx il-konklużjoni li nstabet li hemm probabbiltà ta' rikorrenza tad-dannu, f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu. Għaldaqstant, l-argumenti tal-GTI kellhom jiġu miċħuda.

5. INTERESS TAL-UNJONI

(210) F'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri kumpensatorji eżistenti kontra l-Indja tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi u tal-utenti.

(211) Huwa mfakkar li, fl-investigazzjonijiet oriġinali, kien meqjus li l-adozzjoni tal-miżuri ma tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni.

(212) Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom skont l-Artikolu 31(2) tar-Regolament bażiku.

(213) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' sussidjar u ta' rikorrenza ta' dannu, kinux jeżistu raġunijiet konvinċenti li jwasslu għall-konklużjoni li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri eżistenti.

5.1. Interess tal-industrija tal-Unjoni

(214) Il-kontinwazzjoni tal-miżuri kumpensatorji fuq l-importazzjonijiet tal-PET mill-Indja tgħin lill-industrija tal-Unjoni tkompli l-investimenti li għaddejjin, b'mod partikolari dawk relatati maż-żieda fil-kapaċità għall-PET riċiklat u li għandhom l-għan li jagħtu spinta lill-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni. Il-kontinwazzjoni tal-miżuri tippermetti wkoll lill-industrija tal-Unjoni tirrispondi aħjar għall-fluttwazzjonijiet fid-domanda u tistabbilizza l-prestazzjoni ekonomika tagħha peress li tgħin biex jiġi evitat li l-industrija tal-Unjoni tkun esposta għall-volumi sostanzjali ta' importazzjonijiet sussidjati Indjani li jwaqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.

(215) Kif xieraq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żamma tal-miżuri kumpensatorji kontra l-Indja tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

5.2. Interess tal-importaturi, tal-kummerċjanti u tal-utenti

(216) Importatur wieħed ippreżenta ruħu wara l-pubblikazzjoni tan-notifika tal-bidu u matul l-investigazzjoni, madankollu mingħajr ma mela l-kwestjonarju ddedikat. Għalkemm ma jistax jiġi eskluż li l-impożizzjoni tal-miżuri kumpensatorji kellha impatt negattiv fuq l-attività tagħhom, l-importaturi ma humiex dipendenti fuq l-Indja u jistgħu jiksbu l-prodott taħt rieżami minn bosta pajjiżi fornituri oħra bħall-Vjetnam, it-Turkija u l-Eġittu. Għalhekk, anki bil-miżuri kumpensatorji fis-seħħ għall-Indja, il-provvista tal-PET fl-Unjoni mhijiex limitata u jeżistu prezzijiet tas-suq kompetittivi. Għalhekk, simili għall-konklużjoni milħuqa fl-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza preċedenti, il-Kummissjoni kkonkludiet li mill-perspettiva tal-importaturi, ma hemm l-ebda raġuni konvinċenti biex il-miżuri eżistenti ma jiġux estiżi.

5.3. **Interess tal-utenti**

(217) L-ebda utent ma ppreżenta ruħu wara l-pubblikazzjoni tan-notifika tal-bidu u matul l-investigazzjoni. Għalhekk, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-konklużjonijiet milħuqa f'investigazzjonijiet preċedenti ma għadhomx validi u li ż-żamma tal-miżuri jkollha impatt negattiv fuq l-utenti li jegħleb l-impatt pożittiv tal-miżuri.

5.4. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(218) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma hemm l-ebda raġuni konvinċenti marbuta mal-interessi tal-Unjoni li topponi l-estensjoni tal-miżuri kumpensatorji attwali fuq l-importazzjonijiet mill-Indja.

5.5. **Kummenti tal-partijiet**

(219) B'segwitu għad-divulgazzjoni finali, il-GTI argumenta li l-konklużjoni li ż-żamma tal-miżuri tkun ta' appoġġ għall-investimenti tal-industrija tal-Unjoni hija spekulattiva, peress li l-industrija tal-Unjoni ma ffaċċjat ebda importazzjoni Indjana matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u ma wriet ebda dannu attwali li jkun jiġġustifika t-tkomplija tal-protezzjoni.

(220) Kif jirriżulta mit-Tabella 10 ta' hawn fuq, iż-żieda fl-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni kienet bejn wieħed u ieħor darbtejn aktar lejn tmiem il-perjodu kkunsidrat. Kienu preċiżament l-impożizzjoni tal-miżuri u sussegwentement it-tnaqqis fl-importazzjonijiet Indjani li ħeġġew lill-industrija tal-Unjoni biex tagħti imbottatura lill-investimenti tagħha u jista' jkun raġonevolment mistenni li tali xejra titkompla, f'każ li l-miżuri ma jintmissux Għaldaqstant, u kuntrarjament għall-affermazzjoni tal-GTI, il-konklużjoni li waslet għaliha l-Kummissjoni ma hija bl-ebda mod spekulattiva jew ixxejjen il-konklużjoni kumplessiva li nstabet rigward l-interess tal-Unjoni.

(221) Il-GTI kkontesta wkoll l-analiżi tal-importaturi mill-Kummissjoni, li rrifjutat tħassib abbażi ta' suppożizzjonijiet mhux issostanzjati dwar is-sorsi alternattivi ta' provvista, mingħajr ma wriet li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi jistgħu jissostitwixxu kompletament il-PET Indjan f'termini ta' kwalità, kost u disponibbiltà.

(222) Ġie nnutat li s-sejbiet tal-Kummissjoni dwar is-sorsi alternattivi ta' provvista huma bbażati fuq evidenza pożittiva dwar l-importazzjonijiet (ara b'mod partikolari t-Taqsima 4.3.3) u b'hekk ma huma bl-ebda mod mhux issostanzjati. Barra minn hekk, il-GTI naqas milli juri kif il-PET Indjan, meqjus bħala prodott ta' komodità, ikun ivarja bħala kwalità u disponibbiltà meta mqabbel mal-PET minn sorsi oħra u għaliex il-PET Indjan bi prezz ġust ma jibqax jitwassal fl-Unjoni. B'hekk, l-argument tal-GTI ġie miċħud.

(223) Apparti minn hekk, il-GTI nnota li n-nuqqas ta' parteċipazzjoni tal-utent ma jistax jiġi interpretat bħala approvazzjoni tal-miżuri, u li ma ngħatat l-ebda analiżi aġġornata biex jiġi vvalutat l-impatt attwali fuq l-utenti. Kumplessivament, il-GTI ssottometta li ma jeżisti l-ebda interess fundamentali tal-Unjoni li jiġġustifika l-estensjoni tad-dazji fin-nuqqas ta' dannu bil-provi jew distorsjoni tas-suq.

(224) Ġie nnutat li l-ebda utent ma pparteċipa fil-proċedimenti attwali ta' rieżami ta' skadenza, l-ebda data rilevanti oħra b'impatt fuq l-utent jew fuq l-interess kumplessiv tal-Unjoni ma ngħatat lill-Kummissjoni u li r-Regolament bażiku ma jagħtix mandat lill-Kummissjoni biex taġġorna l-analiżi tal-interess tal-utent tagħha f'dawn iċ-ċirkostanzi. Barra minn hekk, il-GTI, fir-reazzjoni tiegħu għad-divulgazzjoni finali, naqas milli jipprovdi xi evidenza sostantiva li turi li ż-żamma tal-miżuri tkun tmur kontra l-interess tal-utenti u l-interess tal-Unjoni fl-intier tagħha. B'hekk, il-Kummissjoni kienet korretta li tikkonkludi li s-sejbiet li saru fl-investigazzjonijiet preċedenti kienu baqgħu validi u l-affermazzjonijiet tal-GTI ġew irrifjutati kif xieraq.

6. **MIŻURI KUMPENSATORJI**

(225) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni dwar il-kontinwazzjoni tas-sussidju, ir-rikorrenza tad-dannu u l-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jinżammu l-miżuri kumpensatorji fuq l-importazzjonijiet tal-PET mill-Indja.

(226) Sabiex jiġu minimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju kumpensatorju, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji u l-eżenzjonijiet individwali. L-applikazzjoni ta' dazji individwali jew eżenzjonijiet hija applikabbli biss mal-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. Sakemm tiġi ppreżentata tali fattura, jenħtieġ li l-importazzjonijiet jkunu soġġetti għad-dazju kumpensatorju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha" fl-Indja.

(227) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri japplikaw ir-rati individwali tad-dazju kumpensatorju u l-eżenzjonijiet għall-importazzjonijiet, din mhijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anki jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-kontrolli tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħra kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-tbaħħir, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata aktar baxxa tad-dazju jew tal-eżenzjoni tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(228) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju kumpensatorju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies li tikkostitwixxi fiha nnifisha bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri fis-sens tal-Artikolu 23 tar-Regolament bażiku. F'ċirkostanzi bħal dawn u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni anticirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa għat-tneħħija tar-rati tad-dazju individwali u għall-impożizzjoni konsegwenti tad-dazju madwar il-pajjiż kollu.

(229) Ir-rati tad-dazju kumpensatorju tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament huma applikabbli esklużivament għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġina mill-Indja u li jiġi mmanifatturat mill-entitajiet ġuridiċi msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami prodott minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw mill-Indja". Jenħtieġ li ma jkunu soġġetti għall-ebda rata ta' dazju individwali.

(230) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju individwali jekk sussegwentement tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([60]). It-talba trid tinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti li jintwera li t-tibdil ma jaffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata ta' dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla tal-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(231) Jenħtieġ li Futura Polyesters Ltd tiġi eskluża minn dawn il-miżuri peress li l-ebda sussidju ma kien stabbilit għal dan l-esportatur fl-investigazzjoni preċedenti.

(232) Il-partijiet interessati kollha ġew informati bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rrakkomandat li jinżammu l-miżuri eżistenti. Huma ngħataw ukoll perjodu biex jagħmlu rappreżentazzjonijiet sussegwenti għal dan l-iżvelar.

(233) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([61]), meta jkollu jiġi rrimborżat ammont wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li l-imgħax li jitħallas ikun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(234) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huwa f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku,

([60]) European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate G, Rue de la Loi 170, 1040 Brussels, Belgium.

([61]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. B'dan, qiegħed jiġi impost dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-polietilentereftalat li jkollu numru ta' viskożità ta' 78 ml/g jew ogħla, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM 3907 61 00 u li joriġina mill-Indja.

2. Ir-rata tad-dazju kumpensatorju definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandha tkun kif ġej:

Pajjiż tal-oriġini	Kumpanija	Dazju kumpensatorju (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
L-Indja	Futura Polyesters Ltd	0	A184
L-Indja	IVL Dhunseri Petrochem Industries Private Limited	2,3	C380
L-Indja	Pearl Engineering Polymers Ltd	13,8	A182
L-Indja	Reliance Industries Limited	4,0	A181
L-Indja	Senpet Ltd	4,43	A183
L-Indja	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	13,8	A999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: *"Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott taħt rieżami) mibjugħ biex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea u kopert minn din il-fattura ġie manifatturat minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fl-Indja. Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta."* Sakemm tiġi ppreżentata din il-fattura, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħra kollha.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Awwissu 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN